MT 2016

Nru 25

Rapport Speċjali

# Is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art: għodda utli għad-determinazzjoni tal-eliġibbiltà ta' art agrikola – iżda l-ġestjoni tagħha tista' tittejjeb aktar

CURIA RATIONUM

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista’ jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-872-5934-9 | ISSN 1831-0907 | doi:10.2865/084945 | QJ-AB-16-025-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-872-5912-7 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/18055 | QJ-AB-16-025-MT-N |
| EPUB | ISBN 978-92-872-5951-6 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/053226 | QJ-AB-16-025-MT-E |

© L-Unjoni Ewropea, 2016
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Għal kull użu jew riproduzzjoni tal-istampi li mhumiex proprjetà tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-paġni 17, 18, 19, 22 u 23, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

MT 2016

Nru 25

Rapport Speċjali

# Is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art: għodda utli għad-determinazzjoni tal-eliġibbiltà ta' art agrikola – iżda l-ġestjoni tagħha tista' tittejjeb aktar

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

# Tim tal-awditjar



Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha f'dak li jirrigwarda oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar — immexxija minn Phil Wynn Owen, Membru tal-QEA — li tispeċjalizza fl-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Nikolaos Milionis, b'appoġġ minn Ioulia Papatheodorou, kap tal-kabinett; Kristian Sniter, attaché tal-kabinett; Helder Faria Viegas, maniġer prinċipali; Jan Huth, kap tal-kompitu, u Ramona Bortnowschi, deputat kap tal-kompitu. It-tim tal-awditjar kien jikkonsisti f'Marius Cerchez, Jindrich Dolezal, Blanka Happach, Christine Kleinsasser, Sven Kölling, Ioannis Papadakis, Roberto Resegotti, Bruno Scheckenbach u Maciej Szymura, awdituri. Appoġġ lingwistiku ġie pprovdut minn Tom Everett u Michael Pyper; assistenza segretarjali ġiet ipprovduta minn Monika Schmidt.



*Mix-xellug għal-lemin:* I. Papadakis, I. Papatheodorou, H. Faria Viegas, N. Milionis, M. Szymura, J. Huth, K. Sniter, R. Bortnowschi, R. Resegotti.

# Werrej



Paragrafu


Glossarju

I-IV Sommarju eżekuttiv

1-7 Introduzzjoni

1-3 Sfond

4-7 Speċifikazzjonijiet tal-LPIS

8-12 Ambitu, objettivi u approċċ tal-awditjar

13-33 Parti I – Minkejja li kien hemm kisbiet tajbin fl-implimentazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art, fadal lok għal titjib

14-15 Kisbiet tajbin fl-implimentazzjoni tal-LPISs

16-20 L-ortoimmaġnijiet kienu fil-biċċa l-kbira aġġornati

21-25 L-interpretazzjoni tar-ritratti ma kinitx dejjem affidabbli u konklużiva

26-28 Is-sistema *pro rata* mhux dejjem ġiet applikata b'mod affidabbli

29 Għodod ta' detezzjoni semiawtomatizzati kienu qed jiġi ttestjati, iżda kienu għadhom mhumiex operazzjonali

30-31 Informazzjoni dwar jekk l-art hijiex fil-fatt għad-dispożizzjoni tal-bidwi ġiet inkluża f'xi wħud mill-LPISs

32-33 Informazzjoni insuffiċjenti għal valutazzjoni sħiħa tal-kosteffettività tal-implimentazzjoni tal-LPIS

34-55 Parti II – Is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art kienet qed tiġi aġġornata biex tissodisfa r-rekwiżiti tar-riforma tal-PAK

35-43 L-adattament tal-LPISs għall-ekoloġizzazzjoni minn xi Stati Membri kien qed jimxi 'l quddiem iżda kien għadu mhuwiex komplet

44-55 Qed issir simplifikazzjoni iżda din għadha sfida

## Werrej



56-72 **Parti III – Il-monitoraġġ tal-LPIS mill-Kummissjoni tjieb iżda ma ffukax biżżejjed fuq il-prestazzjoni tal-LPIS**

57-59 Il-gwida tal-Kummissjoni, relatata mal-LPIS, tjiebet meta mqabbla ma' dik tal-perjodu preċedenti tal-PAK

60-64 Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-korrezzjonijiet finanzjarji indirizzaw in-nuqqasijiet tal-LPIS

65-69 L-affidabbiltà tar-riżultati li ħarġu mill-valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS ġiet imminata minn dgħufijiet fil-metodoloġija u l-applikazzjoni tagħha

70-72 Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità ma ntużawx biżżejjed biex titjieb il-kwalità tad-data fl-LPIS

73-80 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Anness I — Saffi tal-LPIS kif indikat fl-Artikolu 5(1) u 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 640/2014

Anness II — L-eżerċizzju 2015 ta' valutazzjoni tal-kwalità – elementi ta' kwalità skont il-klassi ta' konformità

**Risposti tal-Kummissjoni**

# Glossarju



**Aġenzija tal-pagamenti**: Korp, ta' Stat Membru, li jkun responsabbli għall-immaniġġjar tas-sussidji agrikoli.

**Aġġornament tal-LPIS**: Attivitajiet tal-LPIS imwettqa mill-Istati Membri biex jirreġistraw il-bidliet fl-art matul iż-żmien, eż. billi ssir demarkazzjoni korretta tal-limiti tal-irqajja' art, jiġi ddeterminat il-grad tal-eliġibbiltà ta' art agrikola, issir delineazzjoni tal-erjas ineliġibbli, jiġu ddefiniti kategoriji *pro rata* għal kull roqgħa ta' referenza affettwata eċċ. Huwa jinkludi wkoll attivitajiet tal-LPIS imwettqa mill-Istati Membri biex jiżguraw li l-LPISs tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji u tekniċi l-aktar reċenti.

**Applikazzjoni għall-għajnuna ġeospazjali (GSAA)**: Formola prestabbilita ta' applikazzjoni għall-għajnuna u l-materjal grafiku korrispondenti għall-bdiewa, ipprovduti permezz ta' interfaċċja ġeografika kompjuterizzata bbażata fuq l-informazzjoni, kif jissemma fl-Artikolu 72(3) tar-Regolament (EU) Nru 1306/2013[1], li tintuża għall-ipproċessar ta' *data* spazjali u alfanumerika dwar l-erjas iddikjarati.

**Attività agrikola**: (i) Il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli u ż-żamma tal-annimali għall-finijiet ta' biedja, (ii) iż-żamma ta' erja agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni jew (iii) it-twettiq ta' attività minima, kif iddefinita mill-Istati Membri, fuq erjas agrikoli li huma miżmuma b'mod naturali fi stat adatt għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni.

**Bwar permanenti u mergħat permanenti** (flimkien imsejħa **"bwar permanenti"**): Art li tintuża biex jitkabbar ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor b'mod naturali (żrigħ minnu nnifsu) jew permezz tal-kultivazzjoni (permezz taż-żrigħ) u li ma tkunx ġiet inkluża fin-newba tal-għelejjel ta' azjenda għal mill-inqas ħames snin. Din tista' tinkludi veġetazzjoni oħra li tista' titħalla għar-ragħa, bħal arbuxelli u/jew siġar, dment li l-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti. Għad-diskrezzjoni tal-Istat Membru inkwistjoni, id-definizzjoni tista' tinkludi wkoll art li tista' titħalla għar-ragħa bħala parti mill-prattiki lokali stabbiliti, iżda fejn il-ħaxix u l-foraġġ erbaċew l-ieħor tradizzjonalment ma jkunux predominanti fil-mergħat.

**Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni Ewropea**: Is-servizz xjentifiku intern tal-Kummissjoni Ewropea li jimpjega xjenzjati biex iwettqu riċerka u jipprovdu konsulenza u appoġġ xjentifiċi indipendenti għall-politika tal-UE. L-"unità MARS" fi ħdan il-JRC tiżviluppa u taġġorna l-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-kwalità.

**Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni (DAS)**: Ir-riżultat ta' eżerċizzju annwali tal-awditjar finanzjarju u ta' konformità li fih neżaminaw l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom ikunu bbażati. Is-sejbiet u l-konklużjonijiet tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni jiġu ppubblikati fir-rapport annwali tagħna.

**Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali)**: Id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali huwa responsabbli kemm għall-implimentazzjoni tal-politika agrikola u ta' żvilupp rurali, inklużi l-appoġġ għal azjendi agrikoli, il-miżuri tas-suq, l-iżvilupp rurali, il-politika dwar il-kwalità, il-kwistjonijiet finanzjarji u legali, l-analiżi u l-evalwazzjoni, kif ukoll għar-relazzjonijiet internazzjonali relatati mal-agrikoltura.

**Element ta' kwalità**: Wieħed minn sitt komponenti speċifiċi li jintużaw fil-valutazzjoni tal-kwalità biex tiġi vvalutata l-kwalità ta' LPIS u jiġu identifikati d-dgħufijiet tagħha (l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 640/2014).

**Erja agrikola**: Kull erja meħuda minn raba' li jinħarat, bwar permanenti u mergħat permanenti, jew uċuħ tar-raba' (għelejjel) permanenti.

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347 20.12.2013, p. 549).

# Glossarju

# 06

**Erja b'Fokus Ekoloġiku (EFA)**: Erja ddeżinjata, skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013[2], għat-twassil ta' benefiċċji għall-ambjent, għat-titjib tal-bijodiversità u għaż-żamma ta' pajsaġġi attraenti. EFAs jistgħu jinkludu karatteristiki tal-pajsaġġ, strixex ta' lqugħ, erjas afforestati, art li titħalla tistrieħ kompletament, erjas bi pjanti li jiffissaw in-nitroġenu eċċ.

**Erja ddikjarata**: Erja totali ddikjarata (mill-bdiewa kollha) fuq roqgħa ta' referenza u użata għal ipproċessar ulterjuri mill-aġenzija tal-pagamenti.

**Erja massima eliġibbli (EME)**: L-għadd ta' ettari potenzjalment eliġibbli taħt skema ta' għajnuna jew miżura ta' appoġġ partikolari. Fil-kuntest tal-LPISs, il-MEA jkollha limitu massimu ddeterminat, fost fatturi oħra, mill-erja ta' referenza tar-roqgħa ta' referenza.

**Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)**: Dan il-fond jipprovdi finanzjament għal pagamenti diretti lill-bdiewa, għall-ġestjoni tas-swieq agrikoli u għal għadd ta' finijiet oħra, bħal miżuri veterinarji u miżuri għas-saħħa tal-pjanti, programmi tal-ikel u attivitajiet ta' informazzjoni.

**Ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor**: Il-pjanti kollha erbaċej tradizzjonalment misjuba f'mergħat naturali u normalment inklużi f'taħlitiet ta' żrieragħ għall-mergħat jew meded tal-art għar-ragħa fl-Istat Membru rilevanti, irrispettivament minn jekk dawn jintużawx għall-annimali li jirgħu jew le.

**Kontroll fuq il-post**: Verifikazzjoni, imwettqa mill-ispetturi tal-aġenzija tal-pagamenti, tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet tal-għajnuna skont l-erja, li tinvolvi żjara fil-bini tal-applikant jew analiżi ta' immaġnijiet satellitarji reċenti tal-irqajja' art (jiġifieri telerilevament). Dawn il-kontrolli għandhom jitwettqu b'mod sistematiku u fuq bażi annwali fuq ċertu kampjun ta' azjendi agrikoli. Għal skemi kbar u t-termini tagħhom, eż. għall-iskema ta' pagament bażiku, l-iskema ta' pagamenti uniku skont l-erja jew il-biċċa l-kbira mill-miżuri ta' żvilupp rurali, 5 % tal-benefiċjarji rilevanti kollha huma suġġetti għal kontrolli fuq il-post.

**Kontrolli amministrattivi**: Kontrolli formalizzati u awtomatizzati mwettqa mill-aġenziji tal-pagamenti fuq l-applikazzjonijiet kollha sabiex tiġi vverifikata l-eliġibbiltà u tinqabad kwalunkwe irregolarità.

**Kundizzjonalità:** Mekkaniżmu li jobbliga lill-bdiewa jirrispettaw sett ta' regoli bażiċi dwar is-saħħa ambjentali, is-saħħa pubblika u tal-annimali, it-trattament xieraq tal-annimali u/jew il-ġestjoni tal-art, sabiex jirċievu l-ammont sħiħ tal-pagamenti.

**Livell ta' żball stmat**: L-aħjar stima annwali tagħna tal-iżball li jolqot klassi ta' pagamenti. Din tiġi kkalkulata abbażi tar-riżultati ta' testijiet imwettqa fuq kampjun rappreżentattiv tat-tranżazzjonijiet. Hija tiġi espressa bħala perċentwal ta' pagamenti żbaljati fil-valur totali tal-pagamenti. Dan il-perċentwal jinsab, bi probabbiltà ta' 95 %, f'intervall ta' fiduċja ddefinit b'limitu inferjuri u limitu superjuri.

**Miżuri agroambjentali klimatiċi:** Miżuri agroambjentali klimatiċi huma fost il-miżuri ta' żvilupp rurali l-aktar importanti f'termini ta' allokazzjoni finanzjarja mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, u għandhom l-għan li jwasslu benefiċċji pubbliċi ambjentali u relatati mal-klima.

**Ortoimmaġnijiet**: Ritratti, stampi u immaġnijiet oħra ortorettifikati (ikkoreġuti biex titneħħa d-distorsjoni) meħuda minn pjattaformi fl-ajru jew pjattaformi satellitarji.

2 Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

# Glossarju



**Roqgħa agrikola**: Erja kontinwa ta' art, iddikjarata minn bidwi wieħed, li tinkludi mhux aktar minn grupp wieħed ta' għelejjel.

**Roqgħa ta' referenza**: Żona delimitata ġeografikament b'attribut ta' identifikazzjoni uniku, irreġistrat fis-sistema ta' identifikazzjoni għal irqajja' agrikoli li tissemma fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, b'valur prestabbilit ta' ettari eliġibbli potenzjali taħt skema ta' għajnuna jew miżura ta' appoġġ partikolari.

**Saff tal-LPIS**: Ir-rappreżentazzjoni viżwali ta' sett ta' *data* ġeografika fi kwalunkwe ambjent ta' mappa diġitali. Kunċettwalment, saff huwa strat tar-realtà ġeografika f'żona partikolari.

**Sett ta' Testijiet Esegwibbli (STE)**: Ġabra ta' każijiet ta' prova (l-elementi ta' kwalità) li huma intenzjonati li jintużaw biex jittestjaw lil-LPIS, biex jintwera li din għandha sett speċifikat ta' mġiba.

**Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK)**: Sistema integrata li tikkonsisti f'databases ta' azjendi, applikazzjonijiet, erjas agrikoli u drittijiet għall-pagament (f'dawk l-Istati Membri li japplikaw l-Iskema ta' Pagament Uniku). Dawn id-databases jintużaw għal kontroverifiki amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet kollha għall-għajnuna għall-biċċa l-kbira mill-miżuri tal-FAEG (eż. l-iskema ta' pagament uniku, l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja jew pagamenti diretti oħra).

**Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS)**: Sistema ta' informazzjoni ġeografika li tippermetti li s-SIAK tillokalizza ġeografikament, turi u tintegra spazjalment id-*data* kostitwenti tagħha, kif jissemma fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 640/2014[3]. Hija fiha diversi settijiet ta' *data* spazjali minn bosta sorsi li flimkien jiffurmaw reġistru tal-erjas agrikoli kollha (irqajja' ta' referenza) fl-Istati Membri rilevanti, u l-erjas massimi eliġibbli taħt skemi differenti ta' għajnuna mill-UE fil-Pilastri 1 u 2 tal-PAK. LPISs jinkludu elementi alfanumeriċi u grafiċi.

**Skema ta' Pagament Bażiku (BPS)**: Skema agrikola operata fuq il-bażi ta' drittijiet għall-pagament allokati għall-bdiewa fl-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema, u attivati kull sena mill-bdiewa.

**Valutazzjoni tal-kwalità**: Eżerċizzju annwali li fih l-Istati Membri jew ir-reġjuni jittestjaw l-affidabbiltà tad-*data* tagħhom tal-LPIS fuq il-bażi ta' ċerti elementi ta' kwalità. Il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-kwalità tiġi żviluppata u raffinata mill-JRC. Ir-riżultati tal-eżerċizzju jiġu mmonitorjati mid-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali.

**Żjarat fuq il-post Żjarat**: *ad hoc* fuq il-post li jitwettqu bħala parti minn aġġornament tal-LPIS jew minn valutazzjoni tal-kwalità għal kjarifika meta l-interpretazzjoni tal-istampi ma tkunx biżżejjed biex tiġi vvalutata l-firxa ta' eliġibbiltà ta' roqgħa ta' referenza partikolari.

**Żona ta' kontroll għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS**: Żona magħżula b'mod aleatorju għall-ispezzjoni tal-valutazzjoni tal-kwalità, fejn tkun disponibbli *data* ortofotografika nazzjonali aġġornata jew *data* aġġornata ta' telerilevament b'riżoluzzjoni għolja ħafna.

3 Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità (ĠU L 181, 20.6.2014, p. 48).

# Sommarju eżekuttiv




## I

Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) hija sistema tal-IT ibbażata fuq ritratti mill-ajru jew satellitarji li tirreġistra l-irqajja' agrikoli kollha fl-Istati Membri. Hija mekkaniżmu ewlieni ta' kontroll taħt il-Politika Agrikola Komuni (PAK) maħsub biex jivverifika l-eliġibbiltà għal sussidji bbażati fuq l-erja, li ammontaw għal bejn wieħed u ieħor EUR 45.5 biljun fl-2015. Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni (DAS) tal-Qorti stmat il-livell ta' żball għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) f'rata ta' 2.9 % (2.2 % mingħajr żbalji ta' kundizzjonalità) fl-2014. Kważi nofs l-iżbalji kienu relatati mal-erja. Is-sistema qed ikollha rwol dejjem akbar fl-iċċekkjar tal-konformità ma' diversi obbligi ambjentali. Fit-28 Stat Membru, attwalment hemm 44 LPIS nazzjonali jew reġjonali li huma operazzjonali, u li fihom aktar minn 135 miljun roqgħa ta' referenza.

## II

Aħna eżaminajna jekk l-LPISs ġewx immaniġġjati tajjeb mill-Istati Membri u ġewx immonitorjati b'mod adegwat mill-Kummissjoni. Saru żjarat tal-awditjar fil-Kummissjoni u f'ħames Stati Membri (fejn ġew koperti sitt LPISs). Aħna bgħattna wkoll stħarriġ lill-Istati Membri kollha.

## III

Aħna kkonkludejna li l-LPIS hija għodda utli għad-determinazzjoni tal-eliġibbiltà ta' art agrikola iżda l-ġestjoni tagħha tista' tittejjeb aktar. Matul dawn l-aħħar snin ir-riżultati tad-DAS tagħna wrew li l-pjanijiet ta' azzjoni u l-korrezzjonijiet finanzjarji indirizzaw nuqqasijiet tal-LPIS fl-Istati Membri affettwati. Fadal xi lok għal titjib, b'mod partikolari:

- Aħna identifikajna xi dgħufijiet, fil-proċessi tal-LPIS, li jaffettwaw l-abbiltà tal-Istati Membri li jiċċekkjaw l-eliġibbiltà tal-art b'mod affidabbli. Filwaqt li l-ortoimmaġnijiet tal-LPIS kienu fil-biċċa l-kbira aġġornati, l-interpretazzjoni tar-ritratti ma kinitx dejjem affidabbli u konklużiva. F'xi wħud mill-LPISs ġiet inkluża informazzjoni addizzjonali rigward id-drittijiet ta' sjieda u ta' lokazzjoni sabiex jiġi żgurat li kull roqgħa art kienet ġiet iddikjarata mill-bidwi t-tajjeb. Barra min hekk, l-Istati Membri ma analizzawx il-kosteffettività tal-LPISs tagħhom sabiex ifasslu aħjar il-kontrolli relatati.

- Aħna sibna li l-Istati Membri kienu għamlu progress fl-ammeljorament tal-LPISs tagħhom biex dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-PAK għall-perjodu 2014-2020. Madankollu, l-LPISs kienu għadhom ma ġewx adattati kompletament għall-ekoloġizzazzjoni. Xi sforzi mill-Kummissjoni biex tissimplifika l-PAK kienu wasslu għal riżultati mħallta.

- Permezz ta' gwida mtejba relatata mal-LPIS, awditi u segwitu regolari tal-pjanijiet ta' azzjoni u l-korrezzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri, tjiebet il-prestazzjoni tal-Kummissjoni fir-rwol tagħha ta' monitoraġġ. Madankollu, l-affidabbiltà tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni tal-kwalità, li jsir kull sena, dwar l-effettività tal-LPISs fl-Istati Membri ġiet imminata minn dgħufijiet fil-metodoloġija applikata u minn kontrolli u segwitu insuffiċjenti mwettqa mill-Kummissjoni.

## IV

F'konformità mal-osservazzjonijiet tal-awditjar tagħna, aħna nirrakkomandaw li:

(a) Abbażi ta' analiżi kost-benefiċċji kwantifikata u valutazzjoni tar-riskji, jenħtieġ li l-Istati Membri jsaħħu l-isforzi tagħhom biex iżidu l-affidabbiltà tad-*data* (billi jsaħħu l-proċess ta' aġġornament, jikkjarifikaw l-użu tal-alternattiva *pro rata* u jiċċekkjaw jekk l-art tkunx għad-dispożizzjoni tal-bidwi).

(b) Bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw u jwaqqfu qafas għall-valutazzjoni tal-ispiża tal-operat u l-aġġornar tal-LPISs tagħhom, biex ikejlu l-prestazzjoni tal-LPISs tagħhom u l-kosteffettività tat-titjib fis-sistemi.

(c) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li, bl-użu tal-LPISs tagħhom, huma jidentifikaw u jirreġistraw b'mod affidabbli, u mbagħad jimmonitorjaw b'mod effettiv, erjas b'fokus ekoloġiku, bwar permanenti u kategoriji ġodda ta' art.

(d) Jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-qafas legali attwali tal-LPIS sabiex tissimplifika xi wħud mir-regoli għall-perjodu tal-PAK li jmiss.

(e) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq analiżi kost-benefiċċji sabiex tiddetermina jekk ir-rappreżentattività tal-kampjuni tal-valutazzjoni tal-kwalità jistgħux jittejbu biex b'hekk tkun tista' tinkiseb kopertura aħjar tal-popolazzjoni ta' rqajja' art fl-LPIS.

(f) Jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb il-monitoraġġ li hija twettaq tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità billi tanalizza kwalunkwe inkonsistenza fir-rappurtar tal-valutazzjoni tal-kwalità, tagħti segwitu għalihom, tipprovdi feedback lill-Istati Membri u tiżgura li pjanijiet ta' azzjoni ta' rimedju jitħejjew u jiġu esegwiti meta jkunu meħtieġa.

# Introduzzjoni



## Sfond

**01**
Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tiffinanzja, permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija ("FAEG"), pagamenti diretti lill-bdiewa u miżuri ta' reazzjoni għal instabbiltajiet fis-suq jew għal sfidi ambjentali ("Pilastru 1"). Il-PAK tikkofinanzja wkoll programmi tal-iżvilupp rurali fi ħdan l-Istati Membri tal-UE ("Pilastru 2") permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Il-PAK ir-riformata għall-perjodu 2014-2020 tistinka biex tikseb pagamenti ta' għajnuna diretta li jkunu mmirati aħjar, aktar ekwi u li jirrispettaw aktar l-ambjent – "aktar ekoloġiċi".

**02**
Biex tiżgura li l-pagamenti jkunu regolari, il-PAK toqgħod fuq is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK), sett ta' kontrolli amministrattivi u kontrolli fuq il-post komprensivi fuq l-applikazzjonijiet għas-sussidji, li tiġi mmaniġġjata mill-Istati Membri. Is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) hija komponent ewlieni tas-SIAK. Hija sistema tal-IT bbażata fuq ortoimmaġnijiet (ritratti mill-ajru jew satellitarji) li tirreġistra l-irqajja' agrikoli kollha fl-Istati Membri. Hija taqdi żewġ skopijiet prinċipali: li tillokalizza b'mod ċar l-art agrikola eliġibbli kollha fi ħdan l-irqajja' ta' referenza u li tikkalkola l-erja massima eliġibbli (EME) tagħhom. L-LPIS tintuża għall-kontroverifikazzjoni matul il-proċeduri ta' kontroll amministrattiv u bħala bażi għal kontrolli fuq il-post mill-aġenzija tal-pagamenti[4].

**03**
L-LPISs oriġinarjament tfasslu għal kontrolli relatati ma' għajnuna bbażata fuq l-erja, li attwalment[5] tirrappreżenta pagamenti li jistgħu jitilgħu sa EUR 40 biljun għall-Pilastru 1 tal-PAK[6] u ta' madwar EUR 5.5 biljun għall-Pilastru 2 tal-PAK[7]. Xi Stati Membri użaw l-LPISs tagħhom ukoll biex jiċċekkjaw jekk il-bdiewa rrispettawx xi wħud mir-regoli ambjentali taħt il-kundizzjonalità jew taħt skemi ta' żvilupp rurali relatati mal-erja, bħall-appoġġ agroambjentali u l-appoġġ għal żoni żvantaġġati. Matul il-PAK tal-perjodu 2014-2020, parti mill-għajnuna diretta lill-bdiewa għandha titħallas għal prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent. Xi wħud minn dawn l-obbligi l-ġodda marbuta mal-ekoloġizzazzjoni (ara l-paragrafu 35 fil-Parti II) għandhom jiġu mmonitorjati bl-użu tal-LPIS.

4 Għall-perjodu 2007-2013 tal-PAK, il-leġiżlazzjoni ewlenija tal-LPIS hija l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16) u l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid; għall-perjodu 2014-2020, hija l-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (UE) Nru 640/2014.

5 Skont iċ-ċifri li ttieħdu mill-baġit ġenerali tal-UE għall-2015.

6 L-approprjazzjonijiet ta' pagament fil-biċċa l-kbira jkopru l-linja baġitarja 05 03 01 01, skema ta' pagament uniku, EUR 28 342 miljun; il-linja baġitarja 05 03 01 02, skema ta' pagament uniku skont l-erja, EUR 7 806 miljun u partijiet integrali mil-linji baġitarji 05 03 01 03 sa 05 03 03, Għajnuniet diretti oħra, li jammontaw għal total ta' EUR 4 328 miljun b'mod ġenerali (pagament ridistributtiv, programm speċifiku għar-reġjuni ultraperiferiċi, għajnuna għaż-żona għall-qoton u appoġġ parzjalment speċifiku (l-Artikolu 68)).

7 L-iskemi ta' żvilupp rurali relatati mal-erja fi ħdan il-linja baġitarja 05 04 Żvilupp rurali, jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor nofs l-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 11 162 miljun.

## Speċifikazzjonijiet tal-LPIS

### 04

L-LPIS topera fuq il-bażi ta' rqajja' ta' referenza. Roqgħa ta' referenza hija erja agrikola li hija identifikata b'mod uniku u delimitata ġeografikament[8]. Il-bdiewa huma mistennija li jeżaminaw kull mappa b'attenzjoni u li jidentifikaw u jeskludu mill-applikazzjonijiet tagħhom l-art kollha li mhijiex maħduma, u karatteristiki ineliġibbli fuq l-irqajja' art, bħal binjiet, btieħi ta' azjendi agrikoli, meded ta' art miksija b'siġar mhux żviluppati, toroq, foresti, lagi, eċċ.

8 Ara l-Artikoli 2(25) u 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 640/2014 kif ukoll l-Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

### 05

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-LPIS ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor billi jeżistu diversi tipi ta' rqajja' ta' referenza (ara t-***Tabella 1***). Deskrizzjoni qasira tat-tipi prinċipali tingħata hawn taħt.

Tabella 1

### Karatteristiki tat-tipi ta' rqajja' ta' referenza

| | Roqgħa agrikola | Roqgħa katastali | Blokka tal-bidwi | Blokka Fiżika / Topografika |
|---|---|---|---|---|
| |  |  |  |  |
| **Karatteristiki prinċipali** | - Grupp uniku ta' għelejjel<br>- Bidwi uniku | - Bidwi wieħed jew aktar<br>- Ibbażata fuq is-sjieda<br>- Grupp wieħed jew aktar ta' għelejjel | - Bidwi uniku<br>- Grupp wieħed jew aktar ta' għelejjel<br>- Ebda limitu naturali | - Bidwi wieħed jew aktar<br>- Erja mdawra b'ċerti karatteristiki (ħniedaq, sisien tal-ħaxix, ħitan eċċ.)<br>- Grupp wieħed jew aktar ta' għelejjel |
| **Sors prinċipali tad-data** | Applikazzjoni tal-bidwi | Katast, reġistru tal-art | Applikazzjoni tal-bidwi | Klassifikazzjoni amministrattiva |

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Kummissjoni Ewropea (JRC).

06
Il-Belġju, il-Ġermanja, u r-Renju Unit għandhom LPIS għal kull reġjun. L-Istati Membri l-oħra kollha tal-UE għandhom waħda kull wieħed li tkopri l-pajjiż sħiħ. Attwalment hemm total ta' 44 LPIS, li fihom aktar minn 135 miljun roqgħa ta' referenza (ara l-***Figura 1***).

07
L-LPISs jiġu mmaniġġjati mill-Istati Membri, li huma responsabbli għall-kwalità tad-*data* li tiddaħħal fis-sistemi tagħhom. Il-Kummissjoni għandha rwol ta' monitoraġġ. Hija tipprovdi gwida u appoġġ lill-Istati Membri, tawditja l-effettività tal-LPISs tagħhom, tista' tapplika korrezzjonijiet finanzjarji jekk ikun hemm nuqqasijiet fil-kontrolli tal-LPIS u tagħti segwitu għall-pjanijiet ta' azzjoni. Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll il-valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS, li tirrikjedi li l-Istati Membri jittestjaw il-kwalità tal-LPISs tagħhom kull sena.

Figura 1

LPISs skont it-tip, madwar l-UE




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri bbażat fuq ir-Rapporti 2014 u 2015 ta' Valutazzjoni tal-Kwalità tal-LPIS.

# Ambitu, objettivi u approċċ tal-awditjar



## 08

L-iskop ta' dan l-awditu kien li jiġi ddeterminat jekk is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art li ġiet implimentata taħt il-Politika Agrikola Komuni kinitx tajba għall-iskop intenzjonat tagħha.

## 09

Aħna fittixna li nwieġbu għall-mistoqsija kumplessiva tal-awditjar:
**Is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) tiġi mmaniġġjata tajjeb?**

## 10

Sabiex inwieġbu għal din il-mistoqsija, aħna ċċekkjajna jekk l-LPIS ippermettiex li l-Istati Membri jiċċekkjaw b'mod affidabbli l-kejl u l-eliġibbiltà tal-art li tiġi kklejmjata mill-bdiewa (il-***Parti I***), u jekk is-sistemi kinux qed jiġu adattati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-PAK għall-perjodu 2014-2020, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-obbligi marbuta mal-ekoloġizzazzjoni u l-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tal-politika (il-***Parti II***). Fl-aħħar nett, aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx qed tissodisfa r-rwol ta' monitoraġġ tagħha b'mod adegwat (il-***Parti III***).

## 11

Aħna wettaqna l-awditu bejn Lulju 2015 u April 2016. Dan kien jinkludi żjarat lill-Kummissjoni Ewropea u lil ħames Stati Membri (l-Awstrija, il-Ġermanja (Saarland u Nordrhein-Westfalen), l-Irlanda, il-Polonja u r-Renju Unit (l-Iskozja)). Dawn l-Istati Membri ntagħżlu fuq il-bażi tal-ammonti mħallsa hemmhekk, is-sistema tagħhom ta' rqajja' ta' referenza u l-kopertura mill-awditi reċenti tagħna li twettqu kemm minna kif ukoll mill-Kummissjoni. F'kull Stat Membru, aħna wettaqna intervisti, analizzajna l-proċeduri u d-*data*, u ttestjajna kampjun ta' rqajja' art biex niċċekkjaw l-affidabbiltà tad-*data* li tinħażen fis-sistema. B'kollox, aktar minn 400 roqgħa ta' referenza ġew iċċekkjati fuq l-iskrin[9] fil-preżenza tal-awtoritajiet nazzjonali, li minnhom aktar minn 100 nżaru fuq il-post[10]. Dan il-kampjun intagħżel fuq bażi tar-riskji biex jiġu identifikati oqsma possibbli għal titjib tal-LPISs.

## 12

Barra minn hekk, aħna bgħattna stħarriġ lill-Istati Membri li jkopri l-44 LPIS differenti kollha, sabiex niksbu *data* u informazzjoni ewlenin dwar l-istruttura u l-implimentazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, aħna wettaqna analiżi dokumentarja ta' sejbiet preċedenti tal-awditjar li kienu saru minna u mill-Kummissjoni, kif ukoll analiżi ta' studji preċedenti. Twettqu analiżijiet ulterjuri fl-uffiċċju biex tiġi analizzata informazzjoni addizzjonali dwar l-LPISs li ġew implimentati mill-Istati Membri jew ir-reġjuni li ma nżarux matul l-awditu. Fl-aħħar nett, aħna kellna intervisti ma' uffiċjali tal-Kummissjoni u eżaminajna d-dokumenti rilevanti f'dan il-kuntest.

9 Din iċ-ċifra ma tinkludix l-irqajja' kollha ta' referenza li ġew analizzati fuq l-iskrin f'Nordrhein-Westfalen. Hawnhekk it-tim tal-awditjar kellu aċċess illimitat għal verżjoni tal-LPIS li tista' tinqara biss (read-only), kemm qabel, matul, kif ukoll wara ż-żjara tal-awditjar.

10 L-ambitu taż-żjarat fuq il-post kien jinkludi, prinċipalment, il-valutazzjoni kemm tad-determinazzjoni korretta tal-erja agrikola eliġibbli kif ukoll il-koerenza bejn l-informazzjoni rreġistrata fl-LPIS relatata, u mal-istatus reali tar-roqgħa ta' referenza.

# Parti I

## Minkejja li kien hemm kisbiet tajbin fl-implimentazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art, fadal lok għal titjib

13
Sabiex taqdi l-iskop intenzjonat, id-*data* tal-LPIS trid tkun aġġornata, affidabbli u kompleta biex il-kontrolli amministrattivi jkunu effettivi L-Istati Membri jridu jaġġornaw l-ortoimmaġnijiet tagħhom regolarment, u jivvalutawhom b'mod korrett. F'każijiet fejn l-interpretazzjoni tar-ritratti tkun inkonkluživa, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji u l-ispejjeż ta' kontrolli ulterjuri, il-possibbiltà li jwettqu żjarat fl-irqajja' art ikkonċernati sabiex jiddeterminaw b'mod korrett l-erja massima eliġibbli tagħhom. L-informazzjoni kollha li tkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-eliġibbiltà tal-art għandha tiġi inkluża fl-LPIS. Bl-appoġġ mill-Kummissjoni, l-Istati Membri jridu wkoll jiġbru informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-LPIS, sabiex jiżnu l-ispiża ta' titjib ulterjuri bi tqabbil mal-benefiċċji mistennija.

### Kisbiet tajbin fl-implimentazzjoni tal-LPISs

14
Aħna eżaminajna regolarment l-implimentazzjoni tal-LPISs fl-Istati Membri fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni annwali tagħna. Dment li l-informazzjoni grafika li tkun inkluża f'LPIS tiġi aġġornata u analizzata b'mod xieraq, l-LPIS tagħmel kontribut sinifikanti għall-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' żbalji relatati mal-erja f'applikazzjonijiet għall-għajnuna. Bis-saħħa ta' gwida mtejba li nħarġet mill-Kummissjoni (ara l-paragrafi 57 sa 59) u ta' pjanijiet ta' azzjoni li ġew stabbiliti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri (ara l-paragrafi 60 sa 61), l-affidabbiltà tad-*data* fl-LPISs kienet qed tittejjeb kontinwament matul is-snin reċenti. Azzjonijiet ta' rimedju rriżultaw fl-esklużjoni ta' erjas ineliġibbli mil-LPIS f'bosta Stati Membri, u ġew imposti korrezzjonijiet finanzjarji sostanzjali mill-Kummissjoni (ara l-paragrafi 62 sa 64).

15
Bħala parti mill-eżerċizzju ta' Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, kull sena aħna nwettqu stima tal-livell ta' żball għall-FAEG. Fl-2014, abbażi tal-183 tranżazzjoni li ġew awditjati, aħna stmajnieh f'rata ta' 2.9 %[11]. Din iċ-ċifra kienet viċin iżda ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 %. Żbalji relatati mal-erja rrappreżentaw 44 % tar-rata ta' żball stmata tal-FAEG għall-2014. Nofs dawn l-iżbalji kienu inqas minn 2 % u għaldaqstant kellhom biss impatt limitat fuq il-livell ta' żball stmat kumplessivament.

### L-ortoimmaġnijiet kienu fil-biċċa l-kbira aġġornati

16
L-Istati Membri jridu jaġġornaw l-LPISs tagħhom regolarment sabiex ikunu jistgħu jiċċekkjaw li l-bdiewa jitħallsu biss għall-erja agrikola eliġibbli. Minħabba l-potenzjal għal bidliet naturali jew antropoġeniċi għall-irqajja' art, l-Istati Membri prinċipalment jiffukaw l-isforzi tagħhom fuq il-forniment frekwenti ta' ortoimmaġnijiet ġodda u d-daħla immedjata ta' dawn fl-LPIS tagħhom. Dan huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat li s-sistema tirrifletti b'mod affidabbli u korrett il-kundizzjonijiet speċifiċi għas-sit.

11 Il-livell ta' żball stmat tal-FAEG mingħajr kundizzjonalità kien ta' 2.2 % fl-2014.

17
Ortoimmaġnijiet skaduti jġibu magħhom ir-riskju li d-*data* tal-LPIS ma tibqax preċiża. Il-Kummissjoni rrakkomandat li, fil-prinċipju, is-sett ta’ *data* tal-LPIS għandu jiġi aġġornat matul perjodu ta’ minn tliet snin sa ħames snin[12], biex b’hekk is-sistema tkun tirrifletti s-sitwazzjoni reali. Għal porzjon sinifikanti ta’ rqajja’ art fl-Iskozja, aħna sibna li r-ritratti tal-LPIS mhux dejjem iġġeddu kull ħames snin (ara l-***Kaxxa 1***).

12 Id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali, ir-Rapport Annwali tal-Attività 2014, ir-Rapport finali, l-Anness 10, il-Parti 3.2, ABB 03: Għalhekk huwa meħtieġ li l-LPIS tinżamm aġġornata, u sabiex jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom iqisu l-possibbiltà ta’ aġġornament kontinwu tal-ortoimmaġnijiet matul perjodu bejn tlieta u ħames snin, skont kif jevolvi t-terren (permezz ta’ intervent uman jew tan-nuqqas ta’ dan).

Kaxxa 1

### Eżempju ta’ ortoimmaġnijiet skaduti fl-LPIS

Fl-**Iskozja**, aħna sibna ritratti li kienu ttieħdu fl-2008 u fl-2009, u għalhekk kienu għaddew aktar minn seba’ snin fuqhom. L-awtoritajiet stmaw li aktar minn 35 000 tal-irqajja’ art fl-LPIS (6.9 % tat-total) kienu ġew fotografati qabel l-2010.

18
Matul l-awditu, aħna identifikajna prattiki tajbin fir-rigward tal-akkwiżizzjoni regolari ta’ ortoimmaġnijiet tal-LPIS eż. fl-Awstrija, fil-Ġermanja (Nordrhein-Westfalen u Saarland) u fil-Polonja.

19
Ċerti Stati Membri għamlu sforzi speċifiċi biex jintroduċu s-sett il-ġdid ta’ ortoimmaġnijiet fuq bażi f’waqtu. Fl-2015, Nordrhein-Westfalen saħansitra daħħal fl-LPIS immaġnijiet ortofotografiċi li ttieħdu fir-rebbiegħa tal-istess sena (bħala “ritratti diġitali mill-ajru proviżorji”). Azzjoni fil-pront bħal din tgħin biex is-sistema tinżamm aġġornata u hija tnaqqas l-għadd ta’ rkupri li jieħdu l-ħin u li huma impenjattivi, fil-każ ta’ tibdil fl-eliġibbiltà tal-art. Barra minn hekk, immaġnijiet ortofotografiċi storiċi jinħażnu fis-sistema u jistgħu jintwerew biex jiġi żvelat l-istat preċedenti ta’ roqgħa ta’ referenza fl-LPIS.

## 20

Aħna sibna wkoll każijiet ta’ dewmien itwal fid-daħla ta’ ortoimmaġnijiet ġodda fl-LPIS. Fl-Awstrija, dan l-eżerċizzju dam aktar minn sena. Fl-Iskozja wkoll, kien hemm dewmien sinifikanti[13] fl-aġġornar tal-LPIS, prinċipalment minħabba n-nuqqas ta’ persunal għall-interpretazzjoni tar-ritratti iżda wkoll minħabba f’dewmien fil-wasla ta’ ortoimmaġnijiet ġodda mingħand il-kuntrattur.

## L-interpretazzjoni tar-ritratti ma kinitx dejjem affidabbli u konkluživa

## 21

Minbarra t-tiġdid regolari tal-ortoimmaġnijiet, huwa kruċjali li jkun hemm interpretazzjoni sistematika u preċiża tal-immaġnijiet ortofotografiċi l-ġodda sabiex jiġi żgurat li fl-LPIS l-erja agrikola eliġibbli tiġi rreġistrata b’mod korrett u l-erja ineliġibbli tiġi eskluża b’mod korrett. Huwa biss jekk l-awtoritajiet nazzjonali jkunu kapaċi jinterpretaw b’mod korrett ir-ritratt li jirċievu, li jkunu jistgħu jwettqu kontrolli amministrattivi affidabbli fuq l-applikazzjonijiet tal-bdiewa. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li ladarba jiġu riċevuti l-ortoimmaġnijiet il-ġodda, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jwettqu l-interpretazzjoni tar-ritratti b’mod sistematiku. Waħda mill-aġenziji tal-pagamenti li żorna (dik ta’ Saarland), ma kellhiex stabbilit proċess sistematiku ta’ interpretazzjoni tar-ritratti.

## 22

L-awditu tagħna kkonferma[14] li l-interpretazzjoni tar-ritratti li twettqet matul l-aġġornamenti tal-LPISs mhux dejjem kienet affidabbli, li rriżulta f’li xi erjas massimi eliġibbli (EME) skorretti ġew irreġistrati fl-LPISs rispettivi. Speċifikament, l-erjas jew dawk il-karatteristiki li kienu b’mod ċar ineliġibbli ġew delineati b’mod skorrett (ara l-***Kaxxa 2***).

13 Għat-titjiriet tal-2014, minn 160 000 roqgħa art li ġew koperti, 90 000 biss kienu ġew ipproċessati sa Ottubru 2015.

14 F’dan il-kuntest ara wkoll ir-Rapport Annwali 2014 tagħna, u b’mod partikolari, ir-Rakkomandazzjoni 1 tal-Kapitolu 7: “l-Istati Membri jagħmlu sforzi ulterjuri biex jinkludu informazzjoni affidabbli u aġġornata fid-databases tal-LPIS tagħhom dwar id-daqs u l-eliġibbiltà ta’ art agrikola, b’mod partikolari ta’ mergħat permanenti, u sistematikament janalizzaw u jużaw l-informazzjoni kollha disponibbli fil-kuntest ta’ kontrolli amministrattivi, inklużi ortoimmaġnijiet aġġornati, sabiex jiġu evitati pagamenti għal art ineliġibbli” (ĠU C 373, 10.11.2015).

Kaxxa 2

## Eżempji ta' valutazzjoni skorretta tal-EME li setgħet ġiet identifikata mill-interpretazzjoni tar-ritratti

**Erja ineliġibbli vvalutata b'mod skorrett**

F'**Saarland**, aħna identifikajna rqajja' art li ġew irreġistrati bħala li kienu kompletament eliġibbli, meta fil-fatt kien ovvju mir-ritratti li kienu għadhom kemm ġew akkwistati li fil-biċċa l-kbira dawn kienu ineliġibbli (miksija bil-ħaxix).



© L-Aġenzija tal-Pagamenti ta' Saarland

Immaġni fl-LPIS ta' Saarland:



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Sitwazzjoni li nstabet fuq il-post:

Fl-**Iskozja**, aħna identifikajna erjas ineliġibbli li ġew irreġistrati b'mod skorrett fl-LPIS. L-LPIS kien fih roqgħa ta' referenza, parzjalment koperta minn xaqliba wieqfa u minn art miksija bil-blat mingħajr kopertura veġetali, li ġiet iddikjarata bħala kompletament eliġibbli. Il-vleġeġ il-ħomor jindikaw xi wħud mill-erjas problematiċi.



© L-Aġenzija tal-Pagamenti Skoċċiża

Kaxxa 2

**Karatteristiki ineliġibbli li ma ġewx esklużi b’mod xieraq**

Fl-**Awstrija**, lag ġie delineat b’mod skorrett. Ir-roqgħa art kienet tinkludi wkoll dar fl-erja massima eliġibbli.



© L-Aġenzija tal-Pagamenti Awstrijaka (AMA)

Fl-**Irlanda**, roqgħa art partikolari ġiet assenjata erja massima eliġibbli ta’ 1.4 ha fl-LPIS, wara li l-bidwi kien ippreżenta bidla fl-erja, minkejja l-fatt li r-roqgħa art kienet tinkludi l-bitħa tal-azjenda agrikola u barrakka tal-injam, u għalhekk kienet kompletament ineliġibbli.

Aħna sibna eżempji oħra, f’**Nordrhein-Westfalen**, ta’ dgħufijiet fid-determinazzjoni tal-erja massima eliġibbli korretta.

23
Xi kultant, l-interpretazzjoni tar-ritratti waħidha ma tkunx biżżejjed titwettaq valutazzjoni preċiża taleliġibbiltà tal-art fuq l-immaġnijiet ortofotografiċi. Fil-każ ta’ raba’ li jinħarat jew ta’ bwar ordinarji, l-interpretazzjoni tar-ritratti tista’, b’mod ġenerali, tidentifika b’mod affidabbli l-erja eliġibbli li għandha tiġi rreġistrata fl-LPIS. Madankollu, dan mhuwiex dejjem il-każ għal tipi speċifiċi ta’ bwar, bħal imsaġar li jitħallew għar-ragħa jew mergħat Alpini (ara l-***Kaxxa 3***).

Kaxxa 3

## L-interpretazzjoni tar-ritratti waħidha mhijiex dejjem konkluživa

Fl-**Iskozja**, aħna sibna rqajja' art li kienu ġew ikklejmjati bħala msaġar li tħallew għar-ragħa (ara l-immaġni tal-LPIS fuq ix-xellug), iżda li fil-fatt kienu ineliġibbli għal pagament, billi jew ma tħallewx għar-ragħha jew inkella assolutament ma jistgħux jitħallew għar-ragħha, minħabba li ma kienx hemm ħaxix taħthom (ara l-immaġni tal-LPIS fuq il-lemin). Dan seta' jiġi kkonfermat biss matul żjara fuq il-post. L-irqajja' art ġew inklużi b'mod skorrett fl-erja massima eliġibbli u kienu ngħataw pagament fil-passat.



© L-Aġenzija tal-Pagamenti Skoċċiża

Immaġni fl-LPIS Skoċċiża:



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Sitwazzjoni li nstabet fuq il-post:



© L-Aġenzija tal-Pagamenti Skoċċiża

Immaġni fl-LPIS Skoċċiża:



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Sitwazzjoni li nstabet fuq il-post:

**Kaxxa 3**

F'ċerti każijiet, l-eliġibbiltà tar-roqgħa art tiddependi minn jekk ikunx hemm ħaxix taħt is-siġar jew ikunx hemm veġetazzjoni oħra, eż. felċi jew ġinestrun. F'każijiet estremi, kif ġie kkonfermat fl-**Irlanda**, dan jista' jibdel valutazzjoni tal-eliġibbiltà b'mod drastiku, iżda ma jistax jinqabad permezz ta' interpretazzjoni tar-ritratti.



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

**Felċi bil-ħaxix taħtu (eliġibbli jew parzjament eliġibbli fl-Irlanda)**



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

**Felċi mingħajr ħaxix taħtu (mhux eliġibbli fl-Irlanda)**

Aħna sibna eżempji oħra ta' dgħufijiet li jirrigwardaw irqajja' art ta' bwar fl-**Awstrija** u f'**Nordrhein-Westfalen.**

**24**
Fejn ikun hemm dubji dwar jekk l-irqajja' art – speċjalment il-bwar – humiex qed jintużaw verament għal finijiet agrikoli, xi awtoritajiet tal-Istati Membri jwettqu żjarat fuq il-post bħala parti mill-proċess ta' aġġornament biex jappoġġaw l-interpretazzjoni tagħhom tar-ritratti fuq l-iskrin. Aħna osservajna sforzi f'dan ir-rigward fl-Awstrija (mergħat Alpini) u fl-Iskozja, iżda wkoll ammont imdaqqas ta' żjarat pendenti f'dan ir-reġjun tal-aħħar (aktar minn 76 000 żjara ta' analiżi tal-art) li kienu ġew skedati sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni fl-LPIS kienet aġġornata iżda li kienu għadhom ma twettqux, prinċipalment minħabba nuqqas ta' riżorsi.

**25**
Filwaqt li żjarat *ad hoc* fuq il-post huma l-uniku metodu biex tiġi żgurata l-preċiżjoni meta l-interpretazzjoni tar-ritratti ma tkunx konklużiva, dawn fihom spiża. Għalhekk, jenħtieġ li l-għadd u l-ambitu tagħhom jiġu ppjanati b'attenzjoni billi tintiżen l-ispiża tal-preċiżjoni addizzjonali bi tqabbil mal-benefiċċji mistennija f'termini tar-regolarità tal-pagamenti.

## Is-sistema pro rata mhux dejjem ġiet applikata b'mod affidabbli

### 26

L-Istati Membri għandhom l-għażla li jużaw sistema *pro rata* fl-LPISs tagħhom għal irqajja' ta' referenza ta' bwar permanenti li jkun fihom kemm art agrikola eliġibbli kif ukoll karatteristiki naturali ineliġibbli, bħal meded ta' art miksija b'siġar mhux żviluppati, siġar, blat, buxxijiet jew ġummar. Sabiex tiġi ddeterminata l-erja eliġibbli fi ħdan l-irqajja' ta' referenza, l-Istati Membri jistabbilixxu firxiet differenti ta' perċentwali ta' eliġibbiltà, li għandhom impatt fuq il-pagament kif meħtieġ[15]. Dan sabiex iservi l-iskop li tiġi ssimplifikata d-determinazzjoni tal-erja eliġibbli fuq irqajja' art fejn ir-rata eżatta ta' eliġibbiltà ma tkunx evidenti minnha nfisha. Kostruzzjonijiet magħmula mill-bniedem bħal binjiet, toroq permanenti jew ħitan tal-konkos ma jaqgħux f'din il-kategorija iżda jridu jiġu eżentati u delineati fl-LPIS qabel tiġi applikata s-sistema *pro rata*.

### 27

Taħt is-sistema *pro rata*, l-interpretazzjoni tar-ritratti jew il-valutazzjonijiet awtomatiċi, mingħajr ebda riflessjoni jew, fejn meħtieġ, konferma fuq il-post, ġeneralment ma jkunux suffiċjenti biex jiġu ddeterminati l-erjas eliġibbli korretti b'mod affidabbli. Matul l-awditu tagħna, aħna żorna għadd ta' rqajja' art Alpini fl-Awstrija[16] u artijiet miżmuma in komun fl-Irlanda[17], li għalihom kienet saret valutazzjoni *pro rata*. Aħna osservajna fuq il-post li l-ispetturi u/jew l-interpreti nazzjonali tar-ritratti sabuha diffiċli li jiddelineaw l-irqajja' art, japplikaw il-firxa ta' koeffiċjenti ta' eliġibbiltà u jistabbilixxu perċentwali ta' eliġibbiltà individwali b'mod konsistenti (ara l-***Kaxxa 4***). L-awtoritajiet nazzjonali ma kinux stabbilew strateġiji xierqa ta' ġestjoni tar-riskju bħal katalogi *pro rata* li jkunu illustrattivi u komprensivi b'deskrizzjoni u kriterji ta' valutazzjoni ċari għal kull firxa, żjarat fuq il-post fil-każijiet dubjużi kollha jew għodod tekniċi komplementari biex dawn id-diffikultajiet jiġu riżolti b'mod sodisfaċenti.

### 28

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Istati Membri għandhom jagħti attenzjoni kbira meta jivvalutaw bwar b'koeffiċjent ta' eliġibbiltà taħt 50 %, billi dawn għandhom riskju għoli ta' żball[18]. Fl-Awstrija, ġiet implimentata sistema għall-kalkolu tal-erja ta' mergħat fuq muntanji, li huma miżgħuda b'siġar, ġebel u kumulu ta' materjal maħlul. Kemm is-sistema *pro rata* Awstrijaka kif ukoll dik Irlandiża kienu jippermettu koeffiċjenti ta' eliġibbiltà baxxi (ara l-***Kaxxa 5*** għal eżempju relatat mal-Awstrija).

15 L-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014.

16 Ħames mergħat Alpini fir-reġjuni tal-Awstrija t'Isfel, Steiermark, Salzburg u l-Awstrija ta' Fuq.

17 Erba' rqajja' ta' art miżmuma in komuni fl-Irlanda, li tipikament ikunu mergħat akbar b'aktar minn sid wieħed. Kull azzjonist ikun is-sid ta' sehem nozzjonali tal-erja totali.

18 Il-JRC, Technical guidance on the pro rata system for permanent grassland (Gwida teknika dwar is-sistema *pro rata* għall-bwar permanenti), DS-CDP-2015-06 final.

Kaxxa 4

### Eżempju ta' valutazzjonijiet *pro rata* skorretti, li jiżvelaw il-limitazzjonijiet tal-immaġnijiet tal-LPIS

Fl-**Irlanda**, roqgħa art ta' bur li hija parzjalment koperta b'buxxijiet, siġar, felċi u ħaxixet il-mikinsa, u li ġiet irreġistrata fl-LPIS bħala li hija 90 % eliġibbli, ġiet ivvalutata matul l-awditu bħala li hija biss 70 % eliġibbli, li jfisser li jista' jkun li parti mill-pagament ġie ddikjarat b'mod eċċessiv.



© L-Aġenzija tal-Pagamenti Irlandiża (DAFM)

Immaġni fl-LPIS Irlandiża:



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Sitwazzjoni li nstabet fuq il-post:

Kaxxa 5

### Eżempju ta' rqajja' art b'koeffiċjenti ta' eliġibbiltà baxxi

Roqgħa ta' referenza, ta' masġar, li tintwera hawn taħt u li għandha ftit li xejn kopertura ta' ħaxix taħt is-siġar, ġiet irreġistrata fl-LPIS **Awstrijaka** bħala li hija 21 % eliġibbli. Fuq il-post, aħna sibna li r-rata kienet iddikjarata b'mod eċċessiv.



© L-Aġenzija tal-Pagamenti Awstrijaka (AMA)

Immaġni fl-LPIS Awstrijaka:



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Sitwazzjoni li nstabet fuq il-post:

## Għodod ta' detezzjoni semiawtomatizzati kienu qed jiġi ttestjati, iżda kienu għadhom mhumiex operazzjonali

**29**
Mod wieħed kif jista' jiġi mmitigat ir-riskju li erja ineliġibbli tiġi rreġistrata b'mod żbaljat fl-LPIS u kif jistgħu jinkisbu riżultati aktar oġġettivi huwa li jiġu żviluppati u applikati għodod awtomatiċi ta' detezzjoni tal-bidliet. Abbażi tal-ortoimmaġnijiet, is-softwer jista' jgħin fit-twettiq tal-interpretazzjoni tar-ritratti billi jidentifika forom, oġġetti, kwalitajiet jew relazzjonijiet ma' segmenti kontigwi. Stati Membri bħall-Awstrija u l-Irlanda kienu qed iqisu firxa ta' għodod bħal dawn għall-interpretazzjoni tad-*data* tal-LPIS. Filwaqt li l-ittestjar għadu mhuwiex konklużiv (ara l-***Kaxxa 6***), aħna nirrikonoxxu l-interess tagħhom li jagħmlu titjib kontinwu għall-affidabbiltà tad-*data* u li jużaw tekniki innovattivi, sabiex itejbu l-affidabbiltà u jnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi.

**Kaxxa 6**

### Ir-riżultati miksuba minn għodod semiawtomatiċi ta' detezzjoni fl-Awstrija

Fl-**Awstrija**, reċentement twettaq studju biex tiġi ttestjata l-affidabbiltà ta' għodda semiawtomatika ta' detezzjoni li ġiet żviluppata mill-Università tar-Riżorsi Naturali u x-Xjenzi tal-Ħajja fi Vjenna. It-tqabbil tar-riżultati għall-erjas eliġibbli li ġew irreġistrati fl-LPIS Awstrijaka (l-immaġni tax-xellug) ma' dawk li ġew iddeterminati permezz ta' għodda semiawtomatika ta' detezzjoni (l-immaġni tal-lemin) jiżvela differenzi sinifikanti.





*Sors:* ©Atzberger, C., "The current capabilities of (semi-)automatic determination of pasture grazing areas using remote sensing" (Il-kapaċitajiet attwali tad-determinazzjoni (semi)awtomatika ta' erjas għar-ragħa fil-mergħat bl-użu tat-telerilevament), Vjenna 2014.

## Informazzjoni dwar jekk l-art hijiex fil-fatt għad-dispożizzjoni tal-bidwi ġiet inkluża f’xi wħud mill-LPISs

**30**
Il-bdiewa jrid ikollhom l-erja kklejmjata għad-dispożizzjoni tagħhom (eż. permezz ta’ drittijiet ta’ sjieda jew ta’ lokazzjoni) sabiex ikunu intitolati għal kwalunkwe pagament agrikolu. Jekk il-bdiewa ma jintalbux jipprovdu evidenza tad-drittijiet ġuridiċi fuq l-art li huma jikklejmjaw, allura hemm ir-riskju li dawn jitħallsu għal art li ma tkunx għad-dispożizzjoni tagħhom, bħal art pubblika jew art privata li tkun il-proprjetà ta’ entitajiet oħra. Għalkemm mhux meħtieġ bil-leġiżlazzjoni tal-UE, aħna nqisu li hija prattika tajba li l-LPIS tiġi kkomplementata, meta jkun fattibbli u kosteffetiv, b’informazzjoni dwar jekk l-irqajja’ art humiex għad-dispożizzjoni tal-bidwi, li tkun tippermetti li l-Istati Membri jwettqu kontroverifiki ta’ din l-informazzjoni bi tqabbil mal-applikazzjonijiet għall-għajnuna, bħalma sibna fl-Iskozja (ara l-***Kaxxa 7***).

**Kaxxa 7**

### Prattika tajba fir-rigward tal-verifikazzjoni ta’ evidenza tad-dritt għall-użu tal-art

Fl-**Iskozja**, kwalunkwe bidla ddikjarata fis-sjieda jew fid-dritt għall-użu ta’ rqajja’ art trid tkun sostnuta b’dokumenti ta’ sfond xierqa ffirmati miż-żewġ partijiet għat-trasferiment. B’mod simili, l-irqajja’ art kollha li jkunu għadhom kemm ġew iddikjarati jridu jkunu sostnuti b’dokument li jagħti prova tad-dritt għall-użu tal-art. L-LPIS Skoċċiża fiha informazzjoni dwar ftehimiet dwar is-sjieda tal-art u/jew dwar l-użu tal-art.

**31**
L-erba’ Stati Membri awditjati l-oħra li jifdal, jirrikjedu kultant biss li l-bdiewa jipprovdu evidenza ta’ sjieda, ta’ lokazzjoni jew ta’ kwalunkwe dritt ieħor fuq l-art li huma jikklejmjaw, u għalhekk mhux dejjem ikunu jistgħu jkunu ċerti jekk l-irqajja’ ta’ referenza rreġistrati fl-LPISs tagħhom humiex kompletament u legalment għad-dispożizzjoni tal-bidwi. Aħna sibna każijiet fl-Awstrija u f’Nordrhein-Westfalen fejn partijiet minn irqajja’ art li huma kontigwi ma’ msaġar jew li jinsabu fil-ġenb tat-toroq ma kinux għad-dispożizzjoni tal-bidwi iżda xorta waħda kienu ġew iddikjarati u mħallsa. L-informazzjoni rilevanti mir-reġistru tal-artijiet, li kienet diġà inkorporata fl-LPIS, ma kinitx intużat bħala sors addizzjonali ta’ informazzjoni.

## Informazzjoni insuffiċjenti għal valutazzjoni sħiħa tal-kosteffettività tal-implimentazzjoni tal-LPIS

**32**

Il-funzjonijiet prinċipali tal-LPIS huma li tillokalizza, tidentifika u tikkwantifika l-art agrikola. Kif deskritt fil-paragrafi 16 sa 29, l-Istati Membri investew riżorsi finanzjarji sinifikanti fl-istabbiliment, l-operat u l-aġġornar tal-LPISs tagħhom. Għalhekk aħna ppruvajna niġbru informazzjoni dwar l-ispiża tal-LPIS mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-Istati Membri ma setgħux jipprovdu informazzjoni affidabbli u kumparabbli dwar l-ispiża. Huma kellhom diffikultajiet biex jikkwantifikaw l-ispiża kumplessiva ta’ investiment fl-LPISs tagħhom, l-ispejjeż operazzjonali annwali tagħhom u l-ispiża ta’ ċerti karatteristiki, bħall-proċess ta’ aġġornament tal-LPIS, jew is-saffi differenti tal-LPIS u l-valutazzjoni tal-kwalità tagħha. Għalhekk l-Istati Membri mhumiex f’pożizzjoni li jivvalutaw il-kosteffettività tat-titjib tas-sistema.

**33**

Il-Kummissjoni għandha informazzjoni dwar it-twaqqif ta’ LPISs fi Stati Membri ġodda u informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-immaġnijiet. Madankollu, il-Kummissjoni ma kinitx talbet informazzjoni dwar l-ispejjeż operazzjonali mill-Istati Membri, u lanqas ma kienet ipprovdiet gwida dwar kif din għandha tiġi prodotta b’mod affidabbli u kumparabbli. Għalhekk il-Kummissjoni ma tistax tivvaluta b’mod adegwat l-ispejjeż assoċjati mar-rekwiżiti l-ġodda tas-sistema jew l-iżviluppi l-ġodda tal-politika.

34
Jenħtieġ aġġornament tal-LPISs tal-Istati Membri sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti l-ġodda tal-PAK tal-perjodu 2014-2020. Il-bidliet jirrigwardaw prinċipalment ir-rekwiżiti obbligatorji l-ġodda ta’ ekoloġizzazzjoni, li jorbtu 30 % addizzjonali, minbarra l-pagament bażiku, ma’ ċerti prattiki li huma potenzjalment ta’ benefiċċju għall-klima u għall-ambjent madwar l-UE. Aħna analizzajna l-punt sa fejn l-LPIS tista’ sservi biex jiġu mmonitorjati dawn l-obbligi ta’ ekoloġizzazzjoni. F’dak il-kuntest, aħna eżaminajna wkoll l-inklużjoni volontarja, minn xi Stati Membri fl-LPISs tagħhom, ta’ ċerti karatteristiki tal-pajsaġġ li huma protetti taħt il-kundizzjonalità u l-iżvilupp rurali. Barra minn hekk, minħabba li waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni hija s-simplifikazzjoni tal-PAK sabiex jinkisbu riżultati aħjar permezz ta’ regoli inqas ikkumplikati, aħna analizzajna wkoll l-isforzi tal-Kummissjoni f’dan ir-rigward.

## L-adattament tal-LPISs għall-ekoloġizzazzjoni minn xi Stati Membri kien qed jimxi ‘l quddiem iżda kien għadu mhuwiex komplet

35
Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida tal-2014-2020 introduċiet “pagamenti ta’ ekoloġizzazzjoni diretti”. Sabiex jirċievu dawn il-pagamenti, il-bdiewa huma meħtieġa jżommu bur permanenti, japplikaw id-diversifikazzjoni tal-għelejjel u jiddedikaw sehem tar-raba’ li jinħarat lil erjas b’fokus ekoloġiku (EFA)[19] (ara l-***Figura 2***).

36
Filwaqt li l-LPIS tista’ tkun għodda effettiva għall-monitoraġġ ta’ bur permanenti u ta’ xi erjas b’fokus ekoloġiku (ara l-paragrafi 37 sa 41), dan mhuwiex daqstant il-każ għar-rekwiżiti ta’ natura aktar temporanja, bħad-diversifikazzjoni tal-għelejjel (ara l-***Figura 2***). Għalhekk, l-LPIS mhijiex għodda xierqa biex tippermetti li l-aġenzija tal-pagamenti tiċċekkja b’mod amministrattiv jekk id-diversifikazzjoni tal-għelejjel tkunx verament saret.

19 Ir-Regolament Nru 1307/2013.

Figura 2

## Ekoloġizzazzjoni: ħarsa ġenerali bażika

**30 % tal-pakkett ta’ pagament dirett għall-applikazzjoni ta’ tliet prattiki bażiċi:**

- **Żamma ta’ bur permanenti**
  - √ projbizzjoni fuq il-ħrit f’erjas iddeżinjati
  - √ proporzjon nazzjonali/reġjonali b’marġni ta’ flessibbiltà ta’ 5 %
- **Diversifikazzjoni tal-għelejjel**
  - √ mill-inqas 2 għelejjel meta r-raba’ li jinħarat, ta’ azjenda, ikun jaqbeż 10 ettari
  - √ mill-inqas 3 għelejjel meta r-raba’ li jinħarat, ta' azjenda, ikun jaqbeż 30 ettaru
  - √ l-għalla l-prinċipali ma tistax tkopri aktar minn 75 % tar-raba’ li jinħarat, u ż-żewġ għelejjel prinċipali jistgħu jkopru massimu ta’ 95 % tal-erja li tinħarat
- **Żamma ta’ “erja b’fokus ekoloġiku” ta’ mill-inqas 5 % tal-erja li tinħarat, tal-azjenda**
  - √ tapplika biss għal azjendi agrikoli b’aktar minn 15-il ettaru ta’ raba’ li jinħarat
  - √ il-proporzjon jista’ jogħla għal 7 % wara rapport tal-Kummissjoni fl-2017 u proposta leġiżlattiva
  - √ EFAs jistgħu jinkludu: ġmiem madwar l-għelieqi, strixex ta’ lqugħ, art li titħalla tistrieħ kompletament, karatteristiki tal-pajsaġġ, erjas afforestati, art imtarrġa, erjas b’għelejjel intermedji, kopertura veġetali u pjanti li jiffissaw in-nitroġenu, msaġar ta’ newba qasira, agroforestrija, strixex ta’ art tul trufijiet ta’ foresti

**Ekwivalenza:** L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li, minflok japplikaw dawn it-tliet prattiki, il-bdiewa jistgħu jidħlu għal prattiki li jitqiesu ekwivalenti (eż. newba tal-għelejjel minflok diversifikazzjoni tal-għelejjel).

*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

## Dgħufijiet fid-determinazzjoni, mill-Istati Membri, ta' bwar permanenti

**37**

Il-bwar permanenti ġew rikonoxxuti fil-wisa' għall-effetti ambjentali pożittivi tagħhom u jenħtieġ li jiġu protetti. Din hija art li tintuża biex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (li jkun inżera') u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-uċuħ tar-raba' (l-għelejjel) tal-impriża (l-azjenda) għal ħames snin jew aktar[20]. Jitqiegħdu restrizzjonijiet, bil-liġi, fuq il-konverżjoni ta' bwar permanenti lura f'raba' li jinħarat. Sabiex jiġi evitat tnaqqis sostanzjali, l-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw li l-proporzjon ta' erjas ta' art bi bwar permanenti meta mqabbel mal-erja agrikola totali ddikjarata mill-bdiewa, ma jonqosx b'aktar minn 5 %[21].

**38**

Aħna identifikajna eżempju ta' prattika tajba f'Saarland fejn wieħed mis-sottosaffi tal-LPIS għamilha possibbli li tiġi mmonitorjata u ttraċċata t-tranżizzjoni ta' komponenti individwali tal-irqajja' art fi bwar permanenti, fil-livell l-aktar baxx possibbli, pereżempju f'każijiet ta' diviżjonijiet jew fużjonijiet ta' rqajja' art. Madankollu, fil-ħames Stati Membri / reġjuni l-oħra li nżaru, kien hemm riskji li l-bidliet li jseħħu fi bwar permanenti eżistenti jew f'art li suppost issir bur permanenti, ma jinqabdux, minħabba f'monitoraġġ mhux xieraq u *data* inkompleta tas-sors fl-LPIS (ara l-***Kaxxa 8***).

## Is-saff tal-EFA kien attwalment taħt żvilupp mill-Istati Membri

**39**

Skont il-leġiżlazzjoni l-ġdida, l-Istati Membri jridu jirreġistraw l-erjas permanenti b'fokus ekoloġiku kollha f'saff fl-LPISs tagħhom sal-2018, sabiex jiċċekkjaw jekk il-bdiewa kkonformawx mal-obbligu tagħhom li, b'mod ġenerali, jżommu mill-inqas 5 % tal-art tagħhom bħala erjas b'fokus ekoloġiku[22].

**40**

Il-materjal grafiku pprovdut lill-benefiċjarji mis-sena tal-klejm 2016 'il quddiem irid jindika t-tip, id-daqs u l-lok tal-EFAs li jkunu ġew iddeterminati matul is-sena preċedenti, inklużi dawk li mhumiex permanenti[23]. Biex jikkonformaw ma' din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri jrid ikollhom stabbilit saff bażiku tal-EFA fl-LPISs tagħhom qabel l-2018. Dokument ta' gwida tal-Kummissjoni jitlob li, mill-ewwel sena (2015), jenħtieġ li s-saff tal-EFA jinkludi l-EFAs potenzjali kollha magħżula mill-Istat Membru li huma mistennija jibqgħu stabbli għal mill-inqas tliet snin[24]. L-interpretazzjoni mill-Kummissjoni hija intenzjonata li tiżgura li s-saff tal-EFA jinbena gradwalment sabiex ikun kompletament operazzjonali sal-2018.

20 L-Artikolu 4(i)(h) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

21 L-Artikolu 45(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

22 Għall-iskop tal-kalkolu ta' dan il-perċentwal ma tingħaddx l-erja, fis-sens strett tal-kelma, tal-karatteristiki tal-pajsaġġ, pereżempju, iżda dawn jiġu ppondcrati u konvertiti f'ettari.

23 L-Artikolu 17(4) tar-Regolament tal-Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 69).

24 Id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali; id-dokument ta' gwida dwar is-saff tal-EFA (DSCG/2014/31 final rev1).

Kaxxa 8

## Dgħufijiet fil-monitoraġġ tal-bwar permanenti

It-tip ta' art agrikola jrid jiġi mmonitorjat sena b'sena, bl-użu tal-LPIS, sabiex jiġi deċiż jekk ir-raba' li jinħarat ikunx sar bur permanenti, li jkun il-każ jekk, għal ħames snin jew aktar, dan ġeneralment ikun intuża biex jitkabbru ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor, minkejja l-fatt li jkun inħarat u nżera' b'varjetà oħra ta' foraġġ erbaċew.

**It-traċċabbiltà tal-perjodu ta' konverżjoni ta' 5 snin mhijiex żgurata**

Fl-**Awstrija**, jekk irqajja' ta' referenza jiġu trasferiti bejn bdiewa jew jinbidel id-daqs tagħhom, ir-rabtiet tagħhom mas-snin preċedenti jintilfu. B'konsegwenza ta' dan, l-istatus tal-art fl-LPIS ma jibqax identifikabbli b'mod affidabbli u jibqa' ma jkunx hemm detezzjoni ta' bwar permanenti potenzjali. L-istess japplika fil-**Polonja** u fl-**Iskozja**, billi dawn l-LPISs ma jinkludux informazzjoni dwar kemm għadda żmien minn fuq il-bwar li mhumiex permanenti (eż. it-tieni jew it-tielet sena ta' kopertura tal-ħaxix). Għalhekk, l-awtoritajiet ma jistgħux iżommu kont ta' rqajja' ta' bwar biex jiżguraw li dawn jiġu rreġistrati mill-ġdid fl-LPIS bħala bwar permanenti wara tmiem iċ-ċiklu ta' ħames snin. Teżisti sitwazzjoni simili fl-**Irlanda**.

**Il-lok eżatt tal-bwar permanenti mhuwiex referenzjat fl-LPIS**

F'**Nordrhein-Westfalen**, ġeneralment mhuwiex possibbli li ssir distinzjoni bejn bur permanenti u raba' li jinħarat fi ħdan roqgħa ta' referenza. Billi d-demarkazzjonijiet mill-bdiewa tal-erja li tintuża għal finijiet agrikoli, li kienu jagħmlu parti mill-applikazzjoni għall-appoġġ, ma ġewx trasferiti għal ġol-LPIS, il-forma eżatta tal-bwar permanenti u ta' bwar permanenti potenzjali ma setgħetx tiġi ttraċċata.

**41**

Fl-istħarriġ tagħna, il-maġġoranza tal-Istati Membri / tar-reġjuni (26 minn 44) infurmawna li huma kienu diġà implimentaw bis-sħiħ is-saff tal-EFA fl-LPISs tagħhom, u t-18 l-oħra kienu fil-fażi li jagħmlu dan sal-2018, kif meħtieġ bir-Regolament. Id-diġitizzazzjoni tal-erjas permanenti kollha b'fokus ekoloġiku li jinsabu fuq, jew huma kontigwi ma', raba' li jinħarat qed tiddaħħal gradwalment mill-Istati Membri kollha miżjura. Madankollu, l-Iskozja għadha ma ddiġitizzatx ebda EFA fl-LPIS tagħha u Nordrhein-Westfalen ma ddeterminax b'mod korrett il-kategoriji tal-EFA u d-daqsijiet tagħhom fil-każijiet kollha, li wassal għal kalkoli skorretti, peress li l-koeffiċjenti huma differenti għal ċerti elementi bħal sisien tal-ħaxix jew gruppi żgħar ta' siġar (imsaġar), pereżempju[25]. Fl-Irlanda, meta kienu qed jintroduċu s-saff tal-EFA bil-karatteristiki permanenti tal-pajsaġġ fl-LPIS, l-awtoritajiet iddeċidew li jużaw sett differenti ta' informazzjoni minn dak użata mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Immappjar biex jillokalizzaw elementi tal-EFA bħal sisien tal-ħaxix u drejns. Billi dan is-saff teknikament ma jaqbilx mas-saff attwali tal-LPIS Irlandiża, il-limiti u l-poligoni tal-elementi tal-EFA fl-LPIS jiġu mċaqilqa, li jagħmilha diffiċli li jiġu llokalizzati b'mod eżatt.

25 Ara l-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013: eż. 1 m ta' sies tal-ħaxix (fattur ta' konverżjoni 5 u fattur ta' ponderazzjoni 2) jirrappreżenta 10 $m^2$ ta' erja b'fokus ekoloġiku, filwaqt li 1 $m^2$ ta' gruppi żgħar ta' siġar (imsaġar) (fattur ta' ponderazzjoni 1.5) jirrappreżenta biss 1.5 $m^2$.

## Dgħufijiet fir-reġistrazzjoni ta’ elementi tal-pajsaġġ li huma protetti taħt il-kundizzjonalità jew taħt l-iskema agroambjentali

**42**

Il-protezzjoni tal-EFAs hija kontinwazzjoni ta’ politiki jew strumenti oħra biex tiġi promossa agrikoltura li tirrispetta aktar lill-ambjent, bħall-kundizzjonalità jew il-miżuri agroambjentali klimatiċi fi ħdan il-qafas tal-iżvilupp rurali. Bħala parti minn dawn ir-regoli, l-Istati Membri ddefinew standards għall-protezzjoni ta’ erjas ambjentalment sensittivi u ta’ ċerti tipi ta’ elementi tal-pajsaġġ (bħal buxxijiet, siġar, strixex ta’ lqugħ jew gruppi żgħar ta’ siġar (imsaġar)).

**43**

Il-qafas legali attwali tal-UE ma jobbligax lill-Istati Membri biex jimmappjaw, fl-LPIS, elementi tal-pajsaġġ li huma protetti taħt il-kundizzjonalità. Minkejja dan, fl-istħarriġ tal-QEA, 28 Stat Membru / reġjun iddikjaraw li kienu għamlu dan skont il-liġi nazzjonali. Total ta’ 16-il Stat Membru / reġjun irrappurtaw li dawn l-elementi ma kinux irreġistrati kompletament fl-LPIS. Tlieta mill-ħames Stat Membri miżjura rreġistraw fl-LPISs tagħhom elementi tal-pajsaġġ li huma protetti taħt il-kundizzjonalità. L-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni korretta ta’ dawn l-elementi fl-LPISs huma utli sabiex jiġu ttraċċati bidliet potenzjali jew każijiet ta’ nuqqas ta’ konformità, inklużi t-tneħħija jew il-qirda pprojbiti ta’ dawn l-elementi matul iż-żmien, u jkunu jipprovdu appoġġ effettiv għal kontroverifiki amministrattivi. L-istess japplika għal Stati Membri bħall-Awstrija, li jħallsu għajnuna agroambjentali klimatika għal ċerti tipi ta’ elementi tal-pajsaġġ. Aħna sibna dgħufijiet firrigward tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni korretti ta’ dawn l-elementi fl-LPIS Awstrijaka u fl-LPIS Ġermaniża (ara l-***Kaxxa 9***). Id-diffikultajiet fl-implimentazzjoni ta’ saffi ta’ elementi tal-pajsaġġ li jkunu affidabbli, fl-LPISs, juru l-isfidi futuri fl-introduzzjoni ta’ saff tal-EFA li jkun komprensiv u effettiv.

Kaxxa 9

## Eżempji ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni skorretti ta' elementi tal-pajsaġġ

F'**Nordrhein-Westfalen**, l-elementi tal-pajsaġġ li huma protetti taħt il-kundizzjonalità mhux dejjem ġew delineati b'mod korrett. Ċerti partijiet mill-elementi tal-pajsaġġ li ġew esklużi, li jidhru hawn taħt (immarkati bl-oranġjo), bħal gruppi żgħar ta' siġar (imsaġar) jew linji ta' siġar, fil-fatt kienu eliġibbli, filwaqt li xi elementi oħra tal-pajsaġġ tal-istess tip baqgħu ma ġewx irreġistrati.



© L-Awla tal-Agrikoltura ta' Nordrhein-Westfalen

Fl-**Awstrija** l-aġenzija tal-pagamenti rreġistrat, regolarment, strixxi ta' erjs afforestati bħala elementi tal-pajsaġġ (grupp żgħar ta' siġar (masġar) – it-trijangolu l-blu), minkejja li dawn huma komponent ta' foresti kontigwi. Ġeneralment dan ifisser li l-azjendi agrikoli li jikkultiva l-erja agrikola kontigwa ma għandhomx id-drittijiet fuqhom, u li għalhekk dawn ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għall-għajnuna taħt l-iskema agroambjentali.



© L-Aġenzija tal-Pagamenti Awstrijaka (AMA)

## Qed issir simplifikazzjoni iżda din għadha sfida

**44**
Is-simplifikazzjoni hija għan primarju tal-Kummissjoni[26]. Hija tqis li s-simplifikazzjoni tal-PAK hija essenzjali sabiex l-ekonomija agrikola ssir aktar kompetittiva, sabiex tippreserva u toħloq l-impjiegi u sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp sod ta’ erjas rurali[27]. Fil-prinċipju, huwa mistenni li s-simplifikazzjoni tapplika wkoll għal-LPIS.

**45**
Ġie adottat sett ġdid ta’ regoli relatati mal-LPIS f’Regolamenti speċifiċi[28], flimkien mal-obbligi ta’ ekoloġizzazzjoni. Huma jinkludu rekwiżiti addizzjonali (eż. l-applikazzjoni obbligatorja għall-għajnuna ġeospazjali, aktar saffi tal-LPIS (ara l-lista ta’ saffi obbligatorji tal-LPIS fl-***Anness I***)) u għażliet addizzjonali (jiġifieri s-soll ta’ stabbiltà, ir-regola tal-100 siġra) għall-Istati Membri. Fl-aħħar nett, l-integrazzjoni ta’ kategoriji ġodda ta’ art eliġibbli tippreżenta sfidi ulterjuri għal-LPISs minħabba fi prattiki lokali stabbiliti li jvarjaw.

## L-applikazzjoni għall-għajnuna ġeospazjali - għodda utli

**46**
Għall-iskop tal-identifikazzjoni tal-irqajja’ agrikoli kollha li jintużaw minn benefiċjarju uniku, u għall-ipproċessar tad-*data* spazjali u alfanumerika korrispondenti, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jridu sal-2018 jipprovdu lill-benefiċjarji kollha b’formola prestabbilita ta’ applikazzjoni għall-għajnuna ġeospazjali u l-materjal grafiku korrispondenti[29]. Fl-istħarriġ tagħna dwar l-LPIS, 33 Stat Membru / reġjun qalulna li sistema bħal din kienet diġà stabbilita biex tindika kif l-applikazzjonijiet kollha għall-għajnuna jinkroċjaw b’mod spazjali mal-informazzjoni fl-LPIS. Fil-11-il Stat Membru / reġjun li jifdal[30], għadu ma kienx hemm sistema bħal din stabbilita.

**47**
Fil-prinċipju, fil-futur qarib jenħtieġ li l-bdiewa jibdew jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom għall-għajnuna bl-użu ta’ metodi ġeospazjali, jiġifieri l-pożizzjoni u d-daqs tal-irqajja’ art tagħhom iridu jiġu dderivati minn immaġnijiet maqbuda fl-LPIS. Madankollu, wara l-2018 meta s-sistema trid tkun kompletament stabbilita, u f’każijiet biss meta l-benefiċjarji ma jkunux f’pożizzjoni li jagħmlu dan, ikun jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali jipprovduhom b’assistenza teknika jew inkella jipprovdu l-applikazzjoni għall-għajnuna f’verżjoni stampata, u jenħtieġ li l-awtoritajiet jiżguraw li l-erjas iddikjarati kollha jiġu diġitalizzati.

26 Ara http://www.consilium.europa.eu/mt/policies/cap-simplification/.

27 Ara http://ec.europa.eu/agriculture/simplification/index en.htm.

28 Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u r-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014.

29 L-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 809/2014.

30 Iċ-ċifra tinkludi tmien reġjuni Ġermaniżi.

48
Kif juru s-sejbiet tal-awditjar tagħna, fejn ġiet introdotta, l-applikazzjoni għall-għajnuna ġeospazjali tejbet sinifikattivament il-kwalità tal-informazzjoni fl-LPISs (eż. fl-Awstrija u f’Saarland). Matul kontrolli amministrattivi, immedjatament jiġu identifikati t-trikkib fil-ġeometrija tal-irqajja’ ta’ referenza/irqajja’ agrikoli jew l-inkonsistenzi fil-limiti tal-irqajja’ art li jiġġeneraw kodiċijiet ta’ żbalji. F’dan il-kuntest, il-Polonja wkoll diġà żviluppat applikazzjoni elettronika għall-għajnuna ġeospazjali biex tgħin lill-bdiewa japplikaw onlajn. Madankollu, fis-sena tal-klejms 2015, inqas minn 1 % tal-applikazzjonijiet tressqu b’mod elettroniku billi l-bdiewa Pollakki ppreferew applikazzjonijiet tradizzjonali bbażati fuq il-karta.

## L-Istati Membri miżjura ddeċidew li ma japplikawx is-soll ta’ stabbiltà

49
Wieħed mill-komponenti l-ġodda tal-qafas tal-PAK tal-perjodu 2014-2020 huwa l-għażla tal-Istati Membri li ma jaġġornawx l-LPISs tagħhom jekk id-differenza bejn l-EME l-ġdida ta’ roqgħa ta’ referenza u l-EME kif tkun ġiet ivvalutata preċedentement tkun taħt it-2 % (is-”soll ta’ stabbiltà)[31]. Din ir-regola l-ġdida għandha l-għan li tissimplifika t-trattament amministrattiv tal-LPIS. Madankollu, il-Kummissjoni pprovdiet gwida[32] lill-Istati Membri fejn indikat li, għalkemm legalment ma huwa meħtieġ ebda aġġornament, meta d-differenza tkun taħt 2 % huwa xorta waħda rrakkomandat li jsir dan (jiġifieri li l-partijiet ineliġibbli jiġu esklużi għall-EME) għal kull tibdil manifest[33], irrispettivament minn jekk it-tibdil ikunx taħt is-soll ta’ 2 %. Ebda wieħed mill-Istati Membri miżjura matul l-awditu ma għażel li juża s-soll ta’ stabbiltà ta’ 2 %.

## Ir-regola opzjonali tal-100 siġra - eżerċizzju kkumplikat

50
Il-qafas il-ġdid tal-PAK fih dispożizzjoni li erjas b’siġar imxerrdin fuq art agrikola issa jitqiesu bħala eliġibbli jekk ma jkunx hemm aktar minn 100 siġra għal kull ettaru, u jekk attivitajiet agrikoli jkunu jistgħu jitwettqu b’mod simili bħal fi rqajja’ art mingħajr siġar fl-istess erja[34]. Siġar li jitqiesu li “jistgħu jitħallew għar-ragħa” ma għandhomx jingħaddu favur is-soll ta’ 100 siġra. Siġar li “jistgħu jitħallew għar-ragħa” huma dawk li, skont l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni, huma tabilħaqq interament aċċessibbli għall-annimali tal-irziezet, biex dawn jirgħu. L-analiżi tagħna kkonfermat li huwa diffiċli li jiġu identifikati siġar bħal dawn permezz tal-interpretazzjoni tar-ritratti, u din tiġi trasposta ulterjorment f’inċertezza fil-valutazzjoni tal-eliġibbiltà (parzjali) tal-art għall-għajnuna agrikola, u tinvolvi komplikazzjoni u piż amministrattiv għall-Istati Membri.

31 L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 640/2014.

32 DSCG/2014/33 – ir-reviżjoni finali 3, it-Taqsima 3.2.

33 l-apparenza ta’ karatteristika ineliġibbli (eż. dar mibnija ġdida).

34 L-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) Nru 640/2014: Ħabel (roqgħa) art agrikolu li fih siġar imferrxin għandu jitqies bħala żona eliġibbli diment li l-attivitajiet agrikoli jistgħu jitwettqu b’mod simili bħal fi ħbula (rqajja’) art mingħajr siġar fl-istess żona; u l-għadd ta’ siġar għal kull ettaru ma jaqbiżx id-densità massima. Din id-densità għandha tiġi ddefinita mill-Istati Membri u nnotifikata abbażi tal-prattiki tradizzjonali tal-kultivazzjoni, il-kundizzjonijiet naturali u raġunijiet ambjentali.

## Speċifikazzjonijiet ġodda ta’ art eliġibbli ppreżentaw sfidi għal-LPIS

**51**

Speċifikazzjonijiet u kjarifiki ġodda relatati ma’ art eliġibbli ġew introdotti fid-dispożizzjonijiet tal-PAK tal-perjodu 2014-2020. Bħala regola ġenerali, hija biss art agrikola li tiġi rreġistrata fl-LPISs u li tintuża, b’mod predominanti, għal attivitajiet agrikoli li tikkwalifika għall-pagamenti taħt il-Pilastru 1. L-eliġibbiltà hija ddeterminata mill-istatus tal-art (raba’ li jinħarat, bur permanenti, u uċuħ tar-raba’ (għelejjel) permanenti) u mill-użu tagħha. Attivitajiet aċċettabbli huma l-produzzjoni agrikola (eż. it-tkabbir ta’ għelejjel) jew iż-żamma fi stat li jagħmel l-erja adatta għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni. Dan tal-aħħar jirrikjedi jew li l-bdiewa jwettqu attività minima ta’ manutenzjoni (eż. annwali) regolari fuq din l-art, jew li din l-art ikollha ċerti karatteristiki li jagħmluha xierqa għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni. Dan huwa, fil-prinċipju, rilevanti għat-tipi kollha ta’ art.

**52**

Fejn l-Istati Membri jkunu ddefinew “attività minima ta’ manutenzjoni” fuq art li ma tintużax għall-produzzjoni, x’aktarx li t-twettiq tagħha ma jkunx verifikabbli fl-LPIS. Huma biss erjas li jkunu kompletament miksija bil-ħaxix għal aktar minn perjodu limitat, u li għaldaqstant jindikaw li ma hemm ebda attività, li jistgħu jkunu identifikabbli fl-LPIS, permezz ta’ tqabbil ta’ ritratti reali ma’ informazzjoni aktar antika li tkun maħżuna fis-sistema. Min-naħa l-oħra, huwa d-dmir tal-Istati Membri li jivverifikaw l-istatus korrett tal-irqajja’ ta’ referenza affettwati, u, ladarba dan jiġi vverifikat, eż. permezz ta’ kontrolli fuq il-post, li jirreġistrawhom b’mod korrett fl-LPISs tagħhom (ara l-***Kaxxa 10***).

Kaxxa 10

### Prattika tajba għar-reġistrazzjoni ta’ attività minima ta’ manutenzjoni fl-LPIS

Fil-**Kroazja**, tintuża kodiċi speċifika għal irqajja’ ta’ referenza li fuqhom tiġi ddikjarata attività minima ta’ manutenzjoni, u jiġu ddeżinati bħala “temporanjament ineliġibbli” jekk il-kontrolli fuq il-post juru li l-attività fil-verità ma tkunx twettqet. Tintuża kodiċi differenti għal erjas li huma ineliġibbli b’mod permanenti. Din hija soluzzjoni tajba għar-reġistrazzjoni tan-nuqqas ta’ konformità mar-rekwiżit ta’ attività minima ta’ manutenzjoni fl-LPIS.

**53**
Kategorija ġdida ta’ bwar permanenti eliġibbli tikkonċerna erjas li jistgħu jitħallew għar-ragħa u li jiffurmaw parti minn prattiki lokali stabbiliti u fejn ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor mhumiex tradizzjonalment predominanti. L-Istati Membri jridu jidentifikaw u jiddefinixxu erjas bħal dawn u jirreġistrawhom fl-LPISs tagħhom. Tipikament, dawn ikunu erjas ta’ potenzjal agrikolu limitat li jikkonsistu f’ħaxixet il-mikinsa (eż. fil-Ġermanja) jew art komuni li titħalla għar-ragħa (fil-Portugall), u viżwalment jistgħu jidhru li huma abbandunati jew mhux miżmuma fi stat tajjeb. Għalhekk l-interpretazzjoni tar-ritratti fl-LPIS, kif sibna fl-Irlanda u f’Nordrhein-Westfalen, spiss ma tkunx biżżejjed biex dan it-tip ta’ art jiġi identifikat b’mod preċiż bħala eliġibbli. L-istess japplika għall-attività minima ta’ manutenzjoni (ara l-paragrafu 52). Jenħtieġ, mill-awtoritajiet nazzjonali, approċċ ibbażat aktar fuq ir-riskju, bħal żjarat fuq il-post immirati (ara wkoll il-paragrafi 23 sa 25) jew l-użu ta’ għodod semiawtomatiċi (ara l-paragrafu 29).

## L-isforzi attwali mill-Kummissjoni biex tissimplifika l-LPIS għadhom ma ġewx ikkompletati

**54**
Fl-aħħar nett, aħna analizzajna l-isforzi tal-Kummissjoni, fir-rigward tal-LPIS, biex tissimplifika l-qafas il-ġdid tal-PAK tal-perjodu 2014-2020 mill-introduzzjoni tiegħu ’l hawn. F’Mejju 2015, ġew introdotti sitt bidliet kbar li potenzjalment jaffettwaw lil-LPIS (ara l-***Figura 3***):

**Figura 3** Bidliet introdotti mill-PAK il-ġdid li għandhom impatt fuq l-LPIS

- (a) alternattiva ta’ erja limitata ta’ lqugħ bejn il-limitu tar-roqgħa art u EFA kontigwa, f’każijiet iġġustifikati b’mod xieraq
- (b) sisien tal-ħaxix jew strixex imsaġġra jistgħu jkollhom intervalli sa erba’ metri
- (c) EFA nieqsa tista’ tiġi kkumpensata b’EFA oħra, anke jekk din tal-aħħar ma tkunx ġiet iddikjarata
- (d) l-alternattiva li jiġu mmappjati biss EFAs iddikjarati fl-LPIS
- (e) bidliet fl-identifikazzjoni ta’ EFAs fis-saff tal-EFA
- (f) bidliet fl-approċċ tal-identifikazzjoni ta' tipi speċifiċi ta' bwar permanenti fl-LPIS

*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

55 Skont l-analiżi tagħna, dawn il-bidliet huma ta’ benefiċċju jew għall-benefiċjarju (il-punti (a) sa (c)) jew għall-aġenzija tal-pagamenti (il-punti (d) sa (f)), iżda mhux bilfors it-tnejn li huma. Il-kumplessità tar-regoli u l-proċeduri li huma meħtieġa biex jiġu indirizzati l-bidliet (a) sa (c), b’mod partikolari, kompliet iżżid il-piż amministrattiv għall-Istati Membri, billi huwa diffiċli li tiġi ddeterminata l-korrettezza tal-ilqugħ u l-intervalli sa erba’ metri, li reċentement żdiedu fl-LPIS. Barra minn hekk, il-fatt li EFAs neqsin jew iddeterminati b’mod skorrett jistgħu jiġu kkumpensati b’EFAs oħra jfisser li l-kontrolli fuq il-post jieħdu aktar ħin. Id-deċiżjoni finali dwar il-konformità tal-bidwi ma tistax tintlaħaq sempliċement permezz ta’ analiżi tal-informazzjoni dwar l-EFAs li tkun inkluża fil-klejm inizjali, kontra l-informazzjoni fl-LPIS: f’każijiet ta’ nuqqas ta’ konformità, tista’ tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

# Parti III

## Il-monitoraġġ tal-LPIS mill-Kummissjoni tjieb iżda ma ffukax biżżejjed fuq il-prestazzjoni tal-LPIS

**56**

Il-Kummissjoni għandha rwol ta' monitoraġġ importanti f'dak li jirrigwarda l-LPIS, fejn tgħin biex jiġi żgurat li l-LPISs li jiġu mmaniġġjati mill-Istati Membri jkunu effettivi u effiċjenti. L-ewwel nett, hija għandha tipprovdi appoġġ u gwida adegwati lill-Istati Membri biex tappoġġa l-interpretazzjoni konsistenti tar-regoli tal-UE u monitoraġġ effettiv tal-pagamenti tal-PAK. Il-Kummissjoni tawditja regolarment ukoll l-LPISs differenti fl-Istati Membri u r-reġjuni, biex tikseb aċċertament li dawn qed jiffunzjonaw b'mod xieraq u li jipproteġu l-baġit tal-UE billi japplikaw korrezzjonijiet finanzjarji jekk jiġu identifikati dgħufijiet kbar. Jenħtieġ li l-pjanijiet ta' azzjoni li jitfasslu biex jirrimedjaw dawn id-dgħufijiet fl-LPISs jingħataw ukoll segwitu mill-qrib mill-Kummissjoni. Permezz tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS, huwa mistenni li l-Kummissjoni jkollha ħarsa ġenerali affidabbli lejn l-effettività tal-LPISs madwar l-UE u li tkun kapaċi tivvaluta l-progress li jsir mill-Istati Membri fuq kwalunkwe dgħufija li tiġi żvelata. Fl-aħħar nett, għarfien dwar il-kosteffettività tal-kontrolli assoċjati mal-LPIS jista' jgħin biex dawn jiġu mmirati aħjar fejn ikunu aktar effiċjenti, u biex l-implimentazzjoni u l-ispejjeż tal-kontroll ta' żviluppi ġodda fil-politika jiġu vvalutati aħjar.

### Il-gwida tal-Kummissjoni, relatata mal-LPIS, tjiebet meta mqabbla ma' dik tal-perjodu preċedenti tal-PAK

**57**

Fil-perjodu preċedenti tal-PAK tal-2007-2013, il-Kummissjoni ma stabbiliet ebda linja gwida speċifika għal-LPIS. Din is-sitwazzjoni nbidlet b'mod sinifikanti għall-PAK tal-perjodu 2014-2020, u għadd ta' linji gwida relatati mal-LPIS inħarġu fl-2014 u fl-2015[35].

**58**

Il-Kummissjoni waqqfet unità[36] ddedikata esklużivament għall-implimentazzjoni ta' pagamenti diretti, bil-għan li ssaħħaħ il-gwida u l-appoġġ tagħha għall-Istati Membri qabel inbdiet l-implimentazzjoni tar-riforma tal-PAK fl-2015. Speċjalment mill-2014 'il hawn, il-Kummissjoni intensifikat il-forniment tagħha ta' informazzjoni lill-Istati Membri, u l-komunikazzjoni magħhom, pereżempju billi ssir sensiela ta' laqgħat bilaterali, ta' pubblikazzjoni ta' materjal jew permezz tal-organizzazzjoni ta' sessjonijiet regolari ta' ħidma inkonnessjoni mal-LPIS.

**59**

Filwaqt li l-gwida tal-Kummissjoni, relatata mal-LPIS, tjiebet meta mqabbla ma' dik tal-perjodu preċedenti tal-PAK, hija essenzjalment tiffoka fuq aspetti ta' legalità u regolarità u tipprovdi ftit li xejn informazzjoni dwar kif tista' tittejjeb il-kosteffettività tal-monitoraġġ.

35 Id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali: DSCG/2014/31 (saff tal-EFA), DSCG/2014/32 (Kontrolli fuq il-post), DSCG/2014/33 (LPIS), DSCG/2014/39 (applikazzjonijiet għall-għajnuna ġeospazjali); il-JRC (flimkien mad-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali): DS-CDP-2015-06 (Gwida teknika dwar is-sistema *pro rata* għall-bwar permanenti), DS-CDP-2015-11 (aġġornament tal-LPIS) u DS-CDP-2015-10 (Ġestjoni tas-saffi).

36 L-unità D.3 tad-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali ilha teżisti minn Jannar 2014.

## Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-korrezzjonijiet finanzjarji indirizzaw in-nuqqasijiet tal-LPIS

**60**

Pjanijiet ta' azzjoni (ara l-***Figura 4***) huma għodda użata mill-Kummissjoni biex tindirizza dgħufijiet sistemiċi fl-LPIS li jiġu osservati fil-livell tal-Istati Membri. Sa tmiem l-2015 kienu tfasslu, mill-Istati Membri rilevanti, total ta' seba' pjanijiet ta' azzjoni konġunti tal-LPIS, fuq talba tal-Kummissjoni. Minbarra l-pjanijiet ta' azzjoni instigati fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri jew ir-reġjuni wkoll jistgħu jfasslu pjanijiet ta' azzjoni fuq l-inizjattiva proprja tagħhom biex jirrimedjaw dgħufijiet speċifiċi. Mill-2007 'l hawn, ġew stabbiliti 10 pjanijiet bħal dawn.

**61**

B'kuntrast mal-PAK tal-2007-2013, issa hemm bażi legali espliċita għall-pjanijiet ta' azzjoni inizjati fuq talba tal-Kummissjoni[37]. Ir-regolament jistipula li l-pjanijiet ta' azzjoni jridu jinkludu indikaturi ċari tal-progress u jridu jiġu stabbiliti mill-Istat Membru rileventi b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Il-pjanijiet ta' azzjoni l-aktar reċenti – għall-Greċja, Spanja, Franza u l-Ingilterra – fihom dawn l-indikaturi. Fir-Rapport Annwali tal-Attività 2015 tagħha, il-Kummissjoni tqis li, minħabba li Franza ma ssodisfatx impenji ewlenin fil-pjan ta' azzjoni, jenħtieġ li din tieħu miżuri biex tindirizza dawn il-problemi u tipprovdi indikaturi tal-progress aktar dettaljati. B'riżultat ta' azzjonijiet ta' rimedju li twettqu fl-2014 u fl-2015, fil-Greċja, l-erja rreġistrata bħala bur permanenti naqset minn 3.6 miljun ettaru għal 1.5 miljun ettaru, filwaqt li fi Spanja l-art agrikola eliġibbli naqset minn 18.4 miljun ettaru għal 15.6 miljun ettaru[38].

**62**

Bejn l-1999 u tmiem l-2015, il-Kummissjoni ħadet 49 deċiżjoni li jeskludu, mill-finanzjament mill-UE, ċerti partiti ta' nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt il-fondi agrikoli Ewropej; ir-raġunijiet kienu jinkludu ksur ta' dispożizzjonijiet relatati mal-LPIS. Tliet deċiżjonijiet fl-2015 kienu jikkonċernaw ksur relatat mal-LPIS. Fl-2015, tmien Stati Membri[39] ffaċċjaw korrezzjonijiet finanzjarji minħabba f'defiċjenzi relatati mal-LPIS.

**63**

Fir-Rapport Annwali 2014 tagħna, aħna vvalutajna jekk kampjun ta' sitt Stati Membri[40] kinux indirizzaw in-nuqqasijiet tagħhom relatati mal-LPIS b'mod effettiv u f'waqtu, u jekk il-Kummissjoni kinitx applikat korrezzjonijiet finanzjarji f'konformità mal-leġiżlazzjoni. Fil-każijiet kollha eżaminati, il-Kummissjoni jew kienet imponiet korrezzjonijiet finanzjarji jew inkella kienet nediet proċeduri ta' kklerjar tal-konformità.

37 L-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.

38 Skont informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni fir-risposta tagħha għall-Kaxxa 7.8 tar-Rapport Annwali 2014 tagħna.

39 Il-Belġju, il-Bulgarija, Spanja, Franza, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Portugall u r-Renju Unit.

40 Il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, l-Italja, il-Portugall u r-Rumanija.

Figura 4

## Ħarsa ġenerali lejn il-pjanijiet ta' azzjoni tal-LPIS u l-korrezzjonijiet finanzjarji tal-LPIS mill-2006 'l hawn




**Pjanijiet ta' azzjoni instigati mill-Kummissjoni:** il-Bulgarija, l-Ingilterra, Franza, il-Greċja (tnejn), il-Portugall, u r-Rumanija

**Pjanijiet ta' azzjoni fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru:** l-Awstrija, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Polonja, in-Netherlands, l-Irlanda ta' Fuq, l-Iskozja, Spanja u l-Iżvezja

*Korrezzjonijiet finanzjarji*: iċ-ċifri juru l-ammont kumulattiv (f'miljun EUR) ta' korrezzjonijiet finanzjarji li ġew applikati għas-sena finanzjarja 2006 'il quddiem, li jammontaw għal total ta' EUR 2 710 miljun.

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri bbażata fuq data tal-Kummissjoni Ewropea.

## 64

Madankollu, spiss kien hemm dewmien pjuttost twil bejn is-sena tal-klejms ikkonċernata u s-sena kalendarja li fiha, fl-aħħar, il-korrezzjonijiet finanzjarja kienet ġiet applikata (ara t-***Tabella 2***). Id-dati ta' skadenza ssettjati fir-regolament għall-PAK tal-perjodu 2014-2020 kellhom il-għan li jissimplifikaw il-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità.

**Tabella 2**

**Eżempji ta' deċiżjonijet tal-Kummissjoni mill-2015 li jeskludu, mill-finanzjament mill-UE, ċertu nfiq ta' rilevanza għal-LPIS li jiġġarrab mill-Istati Membri taħt il-fondi agrikoli Ewropej**

| Stat Membru kkonċernat | Snin tal-klejms ikkonċernati | Numru tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni |
|---|---|---|
| Il-Bulgarija | 2009 | Id-Deċiżjoni (UE) 2015/103 |
| Spanja | 2006, 2007 u 2008 | Id-Deċiżjoni (UE) 2015/103 |
| Franza | 2008 u 2009 | Id-Deċiżjoni (UE) 2015/103 |
| Il-Litwanja | 2007 u 2008 | Id-Deċiżjoni (UE) 2015/103 |
| Il-Portugall | 2009 | Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1119 |
| L-Irlanda | 2008 u 2009 | Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1119 |

*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

### L-affidabbiltà tar-riżultati li ħarġu mill-valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS ġiet imminata minn dgħufijiet fil-metodoloġija u l-applikazzjoni tagħha

## 65

Mill-2010 'l hawn, wara l-identifikazzjoni ta' dgħufijiet rikorrenti madwar l-UE kollha li kienu relatati mal-LPIS u wara l-impożizzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji sinifikanti fuq l-Istati Membri (ara l-paragrafi 60 sa 64), il-Kummissjoni introduċiet il-valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS[41] bħala għodda obbligatorja li permezz tagħha l-Istati Membri ntalbu jidentifikaw, b'mod proattiv u fuq bażi annwali, kwalunkwe dgħufija fis-sistema u jieħdu azzjoni ta' rimedju fejn huwa meħtieġ. Il-valutazzjoni tal-kwalità hija intenzjonata li tkun analiżi sistematika u konsistenti tal-erja agrikola u ċerti elementi relatati madwar l-UE. Hija bbażata fuq eżaminar ta' kampjun ta' bejn 500 u 1 250 roqgħa ta' referenza għal kull LPIS. Attwalment, il-qafas tal-valutazzjoni tal-kwalità jinkludi sitt elementi ta' kwalità li għandhom jiġu ttestjati[42] (ara l-***Anness II***). Bidliet fil-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-kwalità nħarġu kull sena, u xi kultant ġew iċċirkolati verżjonijiet multipli qabel ġiet adottata verżjoni finali. Bidliet metodoloġiċi varjaw sinifikattivament matul iż-żmien[43].

41 Il-bażi legali għal dan l-eżerċizzju, li preċedentement kien l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009, issa hija l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 640/2014.

42 L-element ta' kwalità 7 – ir-rata ta' irregolaritajiet iddeterminati matul kontrolli fuq il-post – tneħħa b'effett mill-eżerċizzju 2015 ta' valutazzjoni tal-kwalità.

43 Dawn il-bidliet kienu jinkludu eż. ir-reviżjoni jew l-irfinar ta' kunċetti u definizzjonijiet ewlenin (eż. "difetti kritiċi" fl-ETS 5.1), reviżjonijiet fil-formola għall-kalkolu ta' element ta' kwalità (eż. mill-element ta' kwalità 5 sal-element ta' kwalità 7 fl-ETS 5.1), iż-żieda ta' komponenti ġodda ta' element ta' kwalità (eż. mill-element ta' kwalità 1 b fl-ETS 5.3), it-tneħħija ta' element ta' kwalità (l-element ta' kwalità 7 fl-ETS 6.0) jew bidla fin-numerazzjoni tal-elementi ta' kwalità (l-inverżjoni tal-element ta' kwalità 3 u l-element ta' kwalità 4 fl-ETS 6.0).

## 66

Tħassib wieħed li tqajjem konsistentement mill-Istati Membri fl-istħarriġ tagħna dwar l-LPIS, u li ġie kkonfermat mill-esperti involuti fl-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tal-kwalità[44], kien il-kumplessità tal-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-kwalità u l-ħtieġa għas-simplifikazzjoni. L-awditu tagħna kkonferma d-diffikultajiet iffaċċjati mill-Istati Membri biex b'mod korrett u konsistenti japplikaw il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS (ara l-***Kaxxa 11***).

44 "Peer review of the LPIS QA Framework" (Evalwazzjoni bejn il-pari tal-Qafas ta' Valutazzjoni tal-Kwalità tal-LPIS) li twettqet minn Sytze de Bruin (l-Università ta' Wageningen) u minn Gábor Csornai (Konsulent ta' V4.0), Novembru 2011.

## 67

Aħna identifikajna wkoll problemi fl-approċċ tal-kampjunar għall-valutazzjoni tal-kwalità. Biex jipprovdi riżultati sinifikattivi, jenħtieġ li l-kampjun għall-valutazzjoni tal-kwalità jkun rappreżentattiv tal-popolazzjoni kumplessiva tal-irqajja' agrikoli f'kull Stat Membru / reġjun fejn tkun qed titwettaq il-valutazzjoni tal-kwalità. Il-qafas regolatorju jirrikjedi li l-Istati Membri jwettqu l-valutazzjoni tal-kwalità fuq il-bażi ta' kampjun ta' żoni, u fi ħdan dawk, kampjun ta' rqajja' ta' referenza fl-LPIS.

**Kaxxa 11**

### Eżempji ta' applikazzjoni skorretta jew inkonsistenti tal-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-kwalità

F'**Nordrhein-Westfalen**, wara li ġie stabbilit il-kampjun 2014 ta' rqajja' għall-valutazzjoni tal-kwalità, 237 roqgħa ta' referenza (kważi 30 % tad-daqs tal-kampjun) ġew ikkoreġuti mill-aġenzija tal-pagamenti fil-qafas tal-eżerċizzju sistematiku ta' aġġornament tal-LPIS (inkluż l-eżaminar tal-istampi ġodda li kienu ġew riċevuti biex titwettaq il-valutazzjoni tal-kwalità). Kien biss f'dan il-punt li twettqu t-testijiet ta' valutazzjoni tal-kwalità, abbażi tal-informazzjoni aġġornata fis-sistema. Għalhekk, ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità kienu preġudikati.

Il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS tirrikjedi li l-aġenziji tal-pagamenti jwettqu żjarat fuq il-post biex jiċċekkjaw is-sitwazzjoni tal-irqajja' art li għalihom l-interpretazzjoni tar-ritratti ma tippermettix li jinsiltu konklużjonijiet. Madankollu, 17 biss mill-44 wiġġieb għall-istħarriġ tagħna dwar l-LPIS iddikjaraw li huma wettqu żjarat bħal dawn. Ċerti rqajja' ta' referenza fl-**Irlanda**, fil-**Polonja** u fl-**Iskozja** ma tkejlux matul l-eżerċizzju ta' valutazzjoni tal-kwalità, minkejja li l-kejl kien tabilħaqq fattibbli u saħansitra meħtieġ mill-metodoloġija.

L-elementi ta' kwalità 4 ġie interpretat b'mod inkonsistenti. Fil-**Polonja**, l-awtoritajiet ma qisux li l-irqajja' art li kienu identifikabbli fl-LPIS (jiġifieri diġitizzati mogħtija identifikatur uniku) setgħu jiġu vvalutati bħala li għandhom difett kritiku. Billi dawn il-kundizzjonijiet huma prerekwiżiti għall-inklużjoni fl-LPIS, ebda roqgħa art ma setgħet possibbilment tfalli l-element ta' kwalità 4[45].

Fl-**Irlanda**, fl-**Awstrija** u fil-**Ġermanja** (**Saarland** u **Nordrhein-Westfalen**) aħna sibna nuqqas ta' segregazzjoni xierqa tad-dmirijiet bejn il-persunal inkarigat mill-valutazzjoni tal-kwalità u l-persunal li kien iwettaq l-aġġornament tal-LPIS, li ħoloq ir-riskju li dan il-persunal janalizza x-xogħol proprju tiegħu ta' aġġornar fil-valutazzjoni tal-kwalità.

45 L-Istati Membri l-oħra miżjura użaw diversi raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità tal-irqajja' art mal-element ta' kwalità 4, bħal irqajja' art multipli jew poligoni multipli; ebda erja eliġibbli għalkemm l-EME kienet akbar minn żero; perimetru mhux validu jew ebda limitu, li jagħmilha impossibbli li r-roqgħa art tiġi lokalizzata; aktar minn żewġ limiti neqsin.

68
Fl-eżerċizzji 2010 u 2014 ta' valutazzjoni tal-kwalità, iż-żoni ntgħażlu mill-Istati Membri filwaqt li l-irqajja' ta' referenza li kellhom jiġu ttestjati ntgħażlu mill-Kummissjoni (il-JRC). Matul iż-żjarat tagħna aħna identifikajna dgħufijiet, fl-għażla mill-Istati Membri tal-kampjuni, kemm għaż-żoni kif ukoll għall-irqajja' ta' referenza, li jaffettwaw ir-rappreżentattività u l-kumparabbiltà tar-riżultati kemm bejn Stati Membri differenti kif ukoll matul is-snin (ara l-***Kaxxa 12***).

Kaxxa 12

## Xi dgħufijiet identifikati fl-għażla tal-kampjuni għall-valutazzjoni tal-kwalità, mill-eżerċizzji 2010 sa 2014 ta' valutazzjoni tal-kwalità

Fl-Istati Membri kollha li nżaru matul dan l-awditu, iż-żoni tal-valutazzjoni tal-kwalità ma ntgħażlux mill-popolazzjoni fl-intier tagħha iżda minflok insiltu miż-żoni koperti mit-telerilevament[46], li kienu jirrappreżentaw parti żgħira biss mit-territorju ta' Stat Membru/reġjun. Irqajja' art li ma ġewx inklużi fl-erjas ta' telerilevament ma kellhom ebda opportunità li jintgħażlu. Problema oħra kienet li ż-żoni tal-valutazzjoni tal-kwalità ma kinux bilfors jinkludu t-tipi kollha ta' pajsaġġ fl-Istat Membru/fir-reġjun (bħal mergħat Alpini fl-**Awstrija** jew artijiet miżmuma inkomun fl-**Irlanda**).

Fl-**Irlanda**, iż-żoni tal-valutazzjoni tal-kwalità għall-2013 u l-2014 ma kinux mifruxin biżżejjed, u dan xeħet dubju fuq kif intgħażlu.

46 Minbarra fejn Stat Membu jew reġjun ma jużax it-telerilevament (l-Awstrija, l-Iskozja).

69
Il-Kummissjoni stinkat biex ittejjeb l-effiċjenza tal-metodoloġija ta' kampjunar tal-valutazzjoni tal-kwalità, mill-eżerċizzju 2015 ta' valutazzjoni tal-kwalità 'l quddiem, u biex iżżomm l-ispejjeż taħt kontroll. B'riżultat ta' dan, l-għadd ta' żoni ta' valutazzjoni tal-kwalità li ntużaw għall-kampjunar naqas b'mod konsiderevoli. Il-Kummissjoni wettqet żewġ testijiet statistiċi biex tivvalida r-rappreżentattività tal-metodoloġija ta' kampjunar il-ġdida. Dawn ikkonfermaw li ma hemmx differenza sinifikanti fir-rappreżentattività tal-kampjun bejn l-2014 u l-2015, għalkemm, f'xi każijiet, ir-rappreżentattività tal-kampjun kienet ġiet affettwata b'mod avvers mill-għadd limitat ta' żona ta' valutazzjoni tal-kwalità u, għalhekk, setgħet titjieb suġġetta għal valutazzjoni spejjeż/benefiċċji.

## Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità ma ntużawx biżżejjed biex tittejjeb il-kwalità tad-data tal-LPIS

### 70

Wieħed mill-objettivi tal-valutazzjoni tal-kwalità huwa li tittieħed azzjoni ta' rimedju fejn ikun meħtieġ. L-Istati Membri huma ġeneralment meħtieġa jfasslu pjanijiet ta' azzjoni ta' rimedju meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mal-elementi kritiċi ta' kwalità. Madankollu, tnejn mill-Istati Membri / mir-reġjuni awditjati (l-Irlanda u l-Iskozja) konsistentement ma ssodisfawx l-elementi kritiċi ta' kwalità iżda ma pproduċew ebda pjan ta' azzjoni ta' rimedju. Dawn ma kinux każijiet iżolati. Għall-2014 il-Kummissjoni osservat li, mill-20 Stat Membru jew reġjun li kien imisshom ippreżentaw pjan ta' azzjoni ta' rimedju bbażat fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità 2014 tagħhom, 6 (30 %) ma għamlux dan.

### 71

Il-Kummissjoni hija responsabbli għall-monitoraġġ tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità. Hija wettqet kontrolli ta' plawżibbiltà u kkuntattjat Stati Membri u reġjuni fejn hija identifikat żbalji ovvji jew żbalji ta' kalkolu fir-rapporti tagħhom tal-valutazzjoni tal-kwalità. Madankollu, il-Kummissjoni (id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali) ma ssuġġettatx ir-riżultati li kienu deħlin, tal-valutazzjoni tal-kwalità, għal eżaminar aktar bir-reqqa rigward l-affidabbiltà tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS jew rigward x'jikkawża n-nuqqas ta' konformità. Analiżi tax-xejriet ta' *data* storika għall-Istati Membri u r-reġjuni, analiżi tal-anomaliji tal-valutazzjoni tal-kwalità, u analiżi skont it-tip ta' roqgħa ta' referenza kienu neqsin ukoll. It-twettiq ta' dawn l-analiżijiet jista' jgħin lill-Kummissjoni biex issib devjazzjonijiet jew xejriet mhux spjegati fir-rigward tal-elementi ta' kwalità.

### 72

Il-Kummissjoni għamlet għadd limitat ta' żjarat ta' informazzjoni lil Stati Membri jew reġjuni speċifiċi biex tiddiskuti r-riżultati tagħhom tal-valutazzjoni tal-kwalità u tikkjarifika l-metodoloġija, u wettqet xi awditi awtonomi tal-valutazzjoni tal-kwalità[47]. Xi valutazzjonijiet tal-kwalità tal-LPIS ġew koperti matul l-awditi regolari tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna skont l-erja[48], għalkemm ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet tal-kwalità ma tqisux b'mod espliċitu qabel intgħażlu liema Stati Membri kellhom jinżaru. Mir-riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità 2014, il-JRC ħejja rapporti ta' skrinjar tal-valutazzjoni tal-kwalità għal-LPIS għal ħames Stati Membri/reġjuni[49] li ġew awditjati mid-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali fl-2015; sussegwentement, il-JRC ġie mistieden jipparteċipa fi tliet missjonijiet korrispondenti. Dawn iż-żjarat ta' informazzjoni u l-awditi ma kinux biżżejjed biex jinkiseb aċċertament dwar l-affidabbiltà tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità li jiġu riċevuti kull sena għal-LPISs kollha.

47 Pereżempju, fl-2014 fl-Irlanda u fin-Netherlands.

48 Fl-2013, il-valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS kopriet biss Spanja, l-Italja u l-Iżvezja. L-awditi tal-2014 koprew il-valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIs fil-Bulgarija, fl-Irlanda, fil-Litwanja, fin-Netherlands u fir-Renju Unit - l-Ingilterra.

49 BE - il-Fjandri, id-Danimarka, Ċipru, il-Finlandja u r-Renju Unit - l-Iskozja.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet



**73**

L-informazzjoni rreġistrata fl-LPISs – komponent kruċjali tas-SIAK – hija l-bażi għal pagamenti korretti, ibbażati fuq l-erja, lill-bdiewa. Hija suġġetta għal ċerti rekwiżiti fir-regolamenti tal-PAK u għandha tiffunzjona bħala għodda għall-monitoraġġ ta' elementi ġodda tal-PAK. Għalhekk huwa essenzjali li d-*data* fl-LPIS tkun affidabbli sabiex jiġi żgurat li l-pagamenti jkunu legali u regolari. L-affidabbiltà tad-*data* tiddependi minn aġġornamenti, kontrolli u monitoraġġ effettivi u effiċjenti, kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Istati Membri.

**74**

L-awditu indirizza l-mistoqsija: "Is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) tiġi mmaniġġjata tajjeb?" Aħna kkonkludejna li l-LPIS hija għodda utli għad-determinazzjoni tal-eliġibbiltà ta' art agrikola iżda l-ġestjoni tagħha tista' tittejjeb aktar.

**75**

L-LPISs, jekk jiġu aġġornati u analizzati b'mod xieraq, jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti għall-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' żbalji relatati mal-erja f'applikazzjonijiet għall-għajnuna. Matul dawn l-aħħar snin ir-riżultati tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tagħna wrew li l-pjanijiet ta' azzjoni u l-korrezzjonijiet finanzjarji indirizzaw nuqqasijiet tal-LPIS fl-Istati Membri affettwati. Madankollu, fadal lok għal titjib.

**76**

Fil-proċess ta' aġġornament tal-LPIS, filwaqt li l-ortoimmaġnijiet kienu fil-biċċa l-kbira aġġornati, l-Istati Membri awditjati esperjenzaw diffikultajiet biex jiddeterminaw b'mod korrett l-erjas massimi eliġibbli tal-irqajja' ta' referenza. Dan ġara prinċipalment f'każijiet fejn l-ortoimmaġnijiet waħidhom ma għamluhiex possibbli li l-eliġibbiltà tal-art tiġi vvalutata b'mod konklużiv, eż. għal ċerti tipi ta' bwar (ara l-paragrafi 14 sa 29). F'xi wħud mill-LPISs ġiet inkluża informazzjoni addizzjonali rigward id-drittijiet ta' sjieda u ta' lokazzjoni sabiex jiġi żgurat li kull roqgħa art kienet ġiet iddikjarata mill-bidwi t-tajjeb (ara l-paragrafi 30 sa 31). L-Istati Membri ma evalwawx il-kosteffettività tal-LPISs tagħhom sabiex ifasslu aħjar il-kontrolli relatati. Dan kieku jgħin biex jitfasslu sistemi ta' kontroll aktar effiċjenti u biex tiġi appoġġata kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt tal-politiki fil-futur (ara l-paragrafi 32 sa 33).

## Titjib tal-proċessi biex tiżdied l-affidabbiltà tad-data tal-LPIS u tittejjeb il-ġestjoni tal-prestazzjoni

### Rakkomandazzjoni 1 - Titjib tal-proċessi biex tiżdied l-affidabbiltà tad-*data* tal-LPIS

Abbażi ta' analiżi kost-benefiċċji kwantifikata u valutazzjoni tar-riskji jenħtieġ li, fil-perjodu attwali tal-PAK, l-Istati Membri jsaħħu l-isforzi tagħhom biex iżidu l-affidabbiltà tad-*data* tal-LPIS abbażi ta' aġġornamenti tas-sistema li jkunu f'waqthom u li jitwettqu bir-reqqa. Minħabba l-kumplessità ta' valutazzjoni *pro rata*, jenħtieġ li fil-perjodu attwal tal-PAK, l-Istati Membri li jużaw din l-alternattiva jagħmlu sforzi ulterjuri biex jiżviluppaw katalogu *pro rata* b'deskrizzjoni u kriterji ta' valutazzjoni ċari, u biex jużaw għodod tekniċi komplementari biex iżidu l-oġġettività tal-analiżi ta' ortoimmaġnijiet u jiżguraw ir-riproduċibbiltà. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jqisu l-possibbiltà li jirreġistraw *data* dwar id-drittijiet ta' sjieda u ta' lokazzjoni fl-LPIS tagħhom, meta dan ikun fattibbli u kosteffettiv.

### Rakkomandazzjoni 2 - Kejl tal-kosteffettività tal-implimentazzjoni tal-LPIS

Bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jenħtieġ li, fil-perjodu attwali tal-PAK, l-Istati Membri jiżviluppaw u jwaqqfu qafas għall-valutazzjoni tal-ispiża tal-operat u l-aġġornar tal-LPISs tagħhom. Huwa mistenni li dan jippermetti li l-Istati Membri jkejlu l-prestazzjoni tal-LPISs tagħhom u l-kosteffettività tat-titjib fis-sistemi.

**77**

Id-dispożizzjonijiet tal-LPIS fil-qafas legali tal-PAK tal-perjodu 2014-2020 żiedu l-għadd ta' rekwiżiti li jridu jiġu ċċekkjati mill-Istati Membri. L-adattament tal-LPIS għall-ekoloġizzazzjoni jinsab miexi 'l quddiem, għalkemm għadu mhuwiex komplet, u l-kundizzjonijiet għall-pagament ta' ekoloġizzazzjoni jistgħu jiġu ċċekkjati parzjalment biss bl-użu tal-LPIS (ara l-paragrafi 34 sa 41). Elementi oħra li huma ta' benefiċċju għall-ambjent, bħal karatteristiki tal-pajsaġġ li huma protetti taħt il-kundizzjonalità, ma jiġux inklużi fl-LPISs u, f'każijiet fejn l-Istati Membri kienu ddeċidew volontarjament li jinkluduhom, aħna sibna każijiet ta' reġistrazzjoni skorretta fis-sistema (ara l-paragrafi 42 sa 43).

**78**

Is-simplifikazzjoni għadha għaddejja iżda tibqa sfida – minkejja l-benefiċċju ta' għodod utli bħall-applikazzjonijiet għall-għajnuna ġeospazjali – billi xi dispożizzjonijiet jew ma jintużawx fil-prattika (is-soll ta' stabbiltà ta' 2 %) jew inkella jippreżentaw sfidi sinifikanti ta' implimentazzjoni (ir-regola tal-100 siġra jew il-kategoriji l-ġodda ta' art eliġibbli). L-isforzi attwali biex tiġi ssimplifikata l-LPIS għadhom mhumiex kompleti (ara l-paragrafi 44 sa 55).

## Trattament tal-kumplessità legali b'aktar astuzja

### Rakkomandazzjoni 3 - Reġistrazzjoni aktar affidabbli ta' karatteristiki ambjentali permanenti

Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li, bl-użu tal-LPISs tagħhom, huma jidentifikaw u jirreġistraw b'mod affidabbli, u mbagħad jimmonitorjaw b'mod effettiv, erjas b'fokus ekoloġiku, bwar permanenti u kategoriji ġodda ta' art. Jenħtieġ ukoll li huma jivvalutaw l-ispiża kontra l-benefiċċji tal-inklużjoni, fl-LPISs tagħhom, tal-elementi kollha tal-pajsaġġ li huma protetti taħt il-kundizzjonalità jew taħt skemi agroambjentali sabiex isaħħu aktar il-monitoraġġ u l-protezzjoni ta' dawn l-elementi li huma ta' benefiċċju għall-ambjent u għall-bijodiversità.

### Rakkomandazzjoni 4 - Simplifikazzjoni ta' xi regoli relatati mal-LPIS fil-qafas legali attwali

Jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-qafas legali attwali sabiex tissimplifika r-regoli relatati mal-LPIS għall-perjodu tal-PAK li jmiss, eż. billi terġa' tqis il-ħtieġa għas-soll ta' stabbiltà ta' 2 % u għar-regola tal-100 siġra.

## 79

Il-monitoraġġ mill-Kummissjoni tal-legalità u r-regolarità fl-LPISs tjieb meta mqabbel mal-perjodu preċedenti tal-PAK. Ix-xogħol tal-awditjar tal-Kummissjoni huwa komprensiv, il-pjanijiet ta' azzjoni jiġu instigati kif meħtieġ u l-korrezzjonijiet finanzjarji jiġu applikati (ara l-paragrafi 56 sa 64).

## 80

Madankollu, il-gwida tal-Kummissjoni relatata mal-LPIS essenzjalment tindirizza aspetti ta' legalità u ta' regolarità u ma tiffukax fuq kif tista' tittejjeb l-effettività kumplessiva tas-sistema LPIS. B'mod partikolari, il-Kummissjoni introduċiet il-valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jidentifikaw, b'mod proattiv, dgħufijiet possibbli fis-sistema, u jieħdu azzjoni ta' rimedju fejn meħtieġ. Dan huwa maħsub li jżid il-valur għal-LPIS iżda l-affidabbiltà tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità tiġi mminata minn dgħufijiet fl-applikazzjoni tal-metodoloġija (possibbilment minħabba l-kumplessità tagħha), iżda wkoll minħabba problemi fl-approċċ tal-kampjunar (ara l-paragrafi 65 sa 69). Barra minn hekk, ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità ma jintużawx b'mod effettiv biex tittejjeb id-*data* tal-LPIS, billi mhux dejjem jitħejjew pjanijiet ta' azzjoni ta' rimedju. Il-Kummissjoni ma għamlitx biżżejjed użu mir-riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità biex trawwem it-titjib fl-LPISs (ara l-paragrafi 70 sa 72).

### Definizzjoni mill-ġdid tal-fokus tal-Kummissjoni fuq iż-żieda fil-valur miżjud, tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS, għall-perjodu attwali

#### Rakkomandazzjoni 5 - Titjib tar-rappreżentattività tal-kampjuni għall-valutazzjoni tal-kwalità

Jenħtieġ li, qabel il-bidu tal-eżerċizzju 2017 ta' valutazzjoni tal-kwalità, il-Kummissjoni twettaq analiżi kost-benefiċċji biex tiddetermina jekk ir-rappreżentattività tal-kampjuni għall-valutazzjoni tal-kwalità tistax tittejjeb, biex b'hekk tkun tista' tinkiseb kopertura aħjar tal-popolazzjoni tal-irqajja' art fl-LPIS.

#### Rakkoamndazzjoni 6 - Monitoraġġ aħjar tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità

Mill-2016 'il quddiem, jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb il-monitoraġġ tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità billi tanalizza kwalunkwe inkonsistenza fir-rappurtar tal-valutazzjoni tal-kwalità, tagħti segwitu għalihom, tipprovdi feedback lill-Istati Membri u tiżgura li l-pjanijiet ta' azzjoni ta' rimedju jitħejjew u jiġu esegwiti meta jkunu meħtieġa. Jenħtieġ ukoll li l-Kummissjoni twettaq analiżi annwali dettaljata tax-xejriet għal kull Stat Membru u kull tip ta' roqgħa ta' referenza biex il-problemi potenzjali jkunu jistgħu jiġu identifikati fi żmien tajjeb.

Dan ir-Rapport ġiet adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sur Phil WYNN OWEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-7 ta' Settembru 2016.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

## Saffi tal-LPIS kif inhuma indikati fl-Artikolu 5(1) u 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 640/2014

- Erjas meħudin minn raba' li jinħarat, bwar permanenti u mergħat permanenti, jew uċuħ tar-raba' (għelejjel) permanenti (l-Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament Nru 1307/2013).

- Art agrikola b'impenji agroambjentali klimatiċi (l-Artikolu 28 (2) tar-Regolament Nru 1305/2013).

- Taħt l-Artikolu 32(2)(b) tar-Regolament 1307/2013, erjas li jkunu taw dritt għall-pagamenti fl-2008 skont l-iskema ta' pagament uniku jew l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja stabbiliti, rispettivament, fit-Titoli III u IVA tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, u li:

  (i) ma jkunux għadhom aktar konformi mad-definizzjoni ta' "ettaru eliġibbli" b'riżultat tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħabitats (92/43/KEE), id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) u d-Direttiva dwar l-Għasafar (2009/147/KE),

  (ii) għat-tul iż-żmien li jdum l-impenn rilevanti tal-bidwi individwali, ikunu saru foresta skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jew l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, jew skont skema nazzjonali, li t-terminu tagħha jkun konformi mal-Artikolu 43(1), (2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jew mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, jew

  (iii) għat-tul ta' żmien li jdum l-impenn rilevanti tal-bidwi individwali, jitwarrbu skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 jew l-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jew l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

- Informazzjoni li tiddetermina l-EME għal:

  (i) miżuri ta' żvilupp rurali relatati mal-erja,

  (ii) l-iskema ta' pagament bażiku,

  (iii) l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja,

  (iv) pagament ridistributtiv,

  (v) pagamenti għal prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent,

  (vi) pagamenti għal erjas b'restrizzjonijiet naturali,

  (vii) pagamenti għal bdiewa żgħażagħ,

  (viii) għajnuna akkoppjata volontarja,

  (ix) pagament speċifiku għal uċuħ tar-raba' (għelejjel) għall-qoton,

  (x) l-iskema tal-bdiewa żgħażagħ,

  (xi) POSEI (miżuri għar-reġjuni ultraperiferiċi)

  (xii) il-gżejjer tal-Eġew.

- Informazzjoni li tagħti l-lok u d-daqs tal-EFAs.
- Informazzjoni li tiġġustifika l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għal:

(i) żoni muntanjużi u żoni oħra li huma affettwati minn restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra, kif jissemma fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013,

(ii) żoni ta' Natura 2000 kif koperti bid-Direttiva 2000/60/KE,

(iii) art agrikola awtorizzata għall-produzzjoni tal-qoton skont l-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013,

(iv) iż-żamma, b'mod naturali, ta' erjas agrikoli fi stat li jagħmilhom tajbin għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, kif jissemma fl-Artikolu 4(1)(c)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013,

(v) erjas iddeżinjati mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni reġjonali u/jew kollettiva tal-EFAs skont l-Artikolu 46(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013,

(vi) erjas innotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013,

(vii) erjas koperti bi bwar permanenti ambjentalment sensittivi u koperti mid-Direttiva dwar il-Ħabitats jew mid-Direttiva dwar l-Għasafar,

(viii) erjas sensittivi oħra, kif jissemma fl-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013,

(ix) erjas iddeżinjati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

Anness II

## L-eżerċizzju 2015 ta' valutazzjoni tal-kwalità – elementi ta' kwalità skont il-klassi ta' konformità

| | | |
|---|---|---|
| **L-ewwel klassi ta' konformità – biex tiġi vvalutata l-kwalità tal-LPIS** | Element ta' kwalità 1 | il-kwantifikazzjoni korretta tal-erja massima eliġibbli (EME) |
| | Element ta' kwalità 2 | Il-proporzjon u d-distribuzzjoni ta' ħbula art (irqajja') ta' referenza fejn l-EME tqis erjas ineliġibbli jew fejn ma tqisx l-erja agrikola |
| | Element ta' kwalità 3 | L-okkorrenza ta' ħbula art (irqajja') ta' referenza b'difetti kritiċi[1] |
| **It-tieni klassi ta' konformità – biex jiġu identifikati dgħufijiet possibbli fl-LPIS** | Element ta' kwalità 4 | Il-kategorizzazzjoni ta' ħbula art (irqajja') ta' referenza fejn l-EME tqis erjas ineliġibbli, fejn ma tqisx l-erja agrikola jew tikxef difett kritiku[2] |
| | Element ta' kwalità 5 | Il-proporzjon ta' erja ddikjarata relattiva mal-EME fil-ħbula art (irqajja') ta' referenza |
| | Element ta' kwalità 6 | Il-perċentwal ta' ħbula art (irqajja') ta' referenza li kienu suġġetti għal bidla, akkumulata matul is-snin |

*Sors:* L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 640/2014 u l-portal tal-JRC[3].

1 *Nota:* L-element ta' kwalità 4 qabel l-2015.
2 *Nota:* L-element ta' kwalità 3 qabel l-2015.
3 Ara https://marswiki.jrc.ec.europa.eu/wikicap/index.php/LPISQA_Legacy/ETS/Decisions.

# Risposta tal-Kummissjoni



## Sommarju eżekuttiv

### I
Il-Kummissjoni tqis li l-LPIS tagħmel kontribut sinifikanti għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-livelli ta' żball fl-iskemi ta' għajnuna li tapplika għalihom.

### III L-ewwel inċiż
L-LPIS hija l-pedament tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll. Hija għodda li tippermetti li jitwettqu l-maġġoranza tal-kontrolli amministrattivi. Hija tgħin biex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi żbalji fl-istadji bikrija tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna. Barra minn hekk, l-LPIS flimkien mal-GSAA issaħħaħ il-prevenzjoni tal-iżbalji upstream u tippromwovi r-rettifika bla dewmien tal-iżbalji.

Minkejja dan, hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jżommu l-LPIS tagħhom aġġornata u jinterpretaw b'mod korrett l-ortofotografija. Il-metodoloġija tal-Valutazzjoni tal-Kwalità (Quality Assessment - QA) tal-LPIS kif żviluppata mill-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri biex jidentifikaw dgħufijiet relatati mal-ipproċessar żbaljat jew mal-interpretazzjoni fotografika żbaljata ta' immaġini u biex jieħdu azzjonijiet korrettivi.

### III It-tielet inċiż
Il-monitoraġġ tal-Kummissjoni tar-riżultati tal-LPIS QA issaħħaħ sa mill-perjodu ta' awditu.

### IV (a)
Din ir-rakkomandazzjoni hija għall-Istati Membri.

Rigward ir-rilevanza, il-korrettezza u l-utilità ta' verifika permezz tal-LPIS il-kwistjoni ta' art għad-dispożizzjoni tal-bidwi, jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 30.

### IV (b)
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni li tappoġġa lill-Istati Membri billi tiffaċilita skambji tal-aħjar prattiki u billi twettaq studju tal-fattibbiltà.

### IV (c)
Din ir-rakkomandazzjoni hi għall-Istati Membri.

### IV (d)
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Ir-regoli kollha relatati mal-LPIS se jiġu rieżaminati u jekk ikunu meqjusa meħtieġa, se jiġu riveduti għall-PAK il-ġdida ta' wara l-2020.

### IV (e)
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-monitoraġġ tar-rappreżentattività tal-kampjun huwa parti minn proċess kontinwu.

### IV (f)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u diġà bdiet timplimentaha.

Għas-snin tat-talbiet 2014 u 2015, l-Istati Membri ġew ipprovduti b'rispons dwar ir-rappurtar tal-LPIS QA tagħhom fil-forma ta' ittri uffiċjali, inkluż kummenti dwar l-azzjonijiet ta' rimedju meħtieġa iżda mhux ipprovduti.

L-azzjonijiet korrettivi kollha ġew analizzati u fir-rigward ta' dawk li tqiesu bħala inadegwati jew insuffiċjenti, intalbu azzjonijiet ta' rimedju riveduti. Il-Kummissjoni qiegħda tiżviluppa valutazzjoni tar-riskju speċifika u qed tużaha bħala parti mill-ħidmiet ta' monitoraġġ tagħha bħala mezz biex tidentifika l-Istati Membri li jista' jkollhom kwistjonijiet dwar l-applikazzjoni korretta tal-metodoloġija LPIS QA, inkluża l-identifikazzjoni ta' problemi fis-sistema u l-indirizzar tagħhom permezz ta' azzjonijiet xierqa ta' rimedju.

## Parti I

### 13

L-LPIS hija l-pedament tal-IACS u l-istrument ewlieni biex tiġi kkontrollata l-maġġoranza tal-pagamenti diretti. LPIS li tkun affidabbli, aġġornata u preċiża hija ta' importanza kbira għat-twettiq tal-objettivi ta' politika. Barra minn hekk, jista' jkun utli għall-Istati Membri li jeżaminaw il-kosteffettività tas-sistema tagħhom sabiex itejbu l-prestazzjoni.

### 20

Rigward il-każijiet ta' dewmien fl-ortofotografija l-ġdida li qed tiddaħħal fl-LPIS, il-Kummissjoni rrakkomandat lill-Istati Membri f'diversi okkażjonijiet biex jaġġornaw l-LPIS tagħhom qabel ma jibda l-proċess tal-applikazzjoni[1].

### 22

Il-Kummissjoni tqis li r-riżultati tal-LPIS QA, li ġejjin minn kampjun statistiku rappreżentattiv, juru livell ta' dikjarazzjoni eċċessiva ta' anqas minn 2 % fil-livell tal-UE. Stabbiliment korrett tal-erja massima eliġibbli għal kull roqgħa ta' referenza fl-LPIS mhuwiex realistiku mingħajr spejjeż enormi[2].

---

1 Dan hu msemmi b'mod espliċitu fit-Taqsima 4.4 tad-dokument DS-CDP-2015-11-FINAL- LPIS Update ("*l-għan huwa li l-immaġni ġodda jitlestew u jkunu disponibbli biex jintużaw fil-proċess ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna bbażat fuq strumenti ġeospazjali*"). Barra minn hekk, huwa spjegat li l-ipproċessar tal-ortofotografija normalment ma għandux jieħu iktar minn tliet xhur.

2 Analiżi tar-riżultati tal-LPIS QA rrappurtati tistma l-valutazzjoni eċċessiva sinifikanti medja tal-MEA skont l-irqajja' ta' referenza (QE1b-/LIB) għall-Unjoni Ewropea kif ġej: 2013: 0,93 %, 2014: 1,14 %, 2015: 0,64 %. Id-dejta tikkwantifika kif ġej id-distorsjonijiet tas-sistema (QE1a) fl-2013: +0,41 %, 2014: -1,16 %, 2015:-0,34 %. In-numru ta' rqajja' ta' referenza spezzjonati kien ta' 39700, 42550 u 41300 rispettivament.

### Kaxxa 2 – Eżempji ta' valutazzjoni żbaljata tal-MEA li setgħet ġiet identifikata permezz tal-interpretazzjoni fotografika

Fir-rigward tal-eżempji ta' valutazzjoni mhux korretta tal-erja massima eliġibbli mogħtija mill-Qorti, il-Kummissjoni ma tikkontestahomx. Madankollu, dawn il-każijiet partikolari fl-eżempji mhumiex rappreżentattivi tal-LPIS l-oħra b'mod ġenerali. Id-diversi LPIS madwar l-UE huma differenti f'ħafna aspetti u l-karatteristiċi taż-żoni agrikoli fl-UE huma wkoll differenti ħafna.

### 23

Il-Kummissjoni rrakkomandat lill-Istati Membri biex iwettqu spezzjonijiet rapidi tal-għelieqi (RFV - rapid field visits), f'każ ta' dubji dwar il-konklussività tal-interpretazzjoni fotografika għall-eliġibilità. Kif imsemmi fil-paragrafu 25, ir-RFV jinvolvu spiża u għalhekk il-Kummissjoni pprovdiet bħala gwida, pjattaformi u workshops biex tagħmel l-użu tal-interpretazzjoni fotografika aktar effiċjenti.

### 29

Il-Gwida Teknika dwar is-sistema *pro rata* għal bur permanenti, DS-CDP-2015-06 finali tipprovdi għall-aħjar prattiki li jappoġġaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-sistema *pro rata*.

Barra minn hekk, l-approċċ tat-teknoloġija LIDAR (Light Detection And Ranging - Detezzjoni u Kejl tad-Distanza bid-Dawl) użat minn Spanja ġie kondiviż bħala għodda potenzjali fil-Workshop dwar il-Kontroll u l-Ġestjoni ta' Art Agrikola fl-IACS fit-23-25 ta' Mejju 2016.

### 30

Il-leġiżlazzjoni tal-UE ma tirrikjedix li l-LPIS jiġu kkumplimentati b'informazzjoni dwar jekk l-irqajja' jkunux għad-dispożizzjoni tal-bidwi. Kontroverifiki sistematiċi b'informazzjoni dwar jekk l-irqajja' jkunux għad-dispożizzjoni tal-bidwi jew le mhumiex meħtieġa. Il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Istati Membri biex iwettqu kontrolli fuq il-post f'każ ta' dubji fir-rigward tal-art li jiddisponi minnha l-bidwi.

### 32

B'ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri jiddeċiedu fil-qafas legali eżistenti, dwar l-aktar mod kosteffikaċi kif jimplimentaw il-PAK. Il-Kummissjoni organizzat diversi sessjonijiet ta' ħidma biex ixxerred l-aħjar prattiki inklużi suġġetti bħal kif jiġu identifikati u kkwalifikati artijiet agrikoli bl-għan li titjieb il-kosteffikaċja.

### 33

Il-Kummissjoni hija konxja mill-kost tal-funzjonijiet ewlenin tal-LPIS u tieħu kont ta' dan meta tipproponi leġiżlazzjoni tal-UE. Minbarra dan, hemm diversità kbira ta' LPIS u l-Istati Membri jagħżlu diversi opzjonijiet ta' implimentazzjoni. Fil-ġestjoni kondiviża, huwa l-kompitu tal-Istati Membri li jagħmlu l-għażliet politiċi tagħhom b'kunsiderazzjoni għall-kosteffettività tal-LPIS tagħhom.

## Parti II

### 38

Permezz tal-gwida tal-LPIS l-Istati Membri jsiru konxji dwar il-ħtieġa u l-modalitajiet tal-ġeolokalizzazzjoni tal-bwar permanenti (fuq l-iżgħar livell possibbli). Permezz tal-LPIS QA, b'mod partikolari l-QE 2, l-Istati Membri jridu jivvalutaw il-kwalità ta' din il-klassifikazzjoni u jieħdu l-azzjonijiet korrettivi xierqa fejn ikun meħtieġ.

### Kaxxa 8 – Dgħufijiet fil-monitoraġġ ta' bur permanenti

Meta jiġu analizzati r-riżultati tal-LPIS QA huwa rikonoxxut li l-klassifikazzjoni tal-art agrikola hija wieħed mill-punti ewlenin fejn jittieħdu azzjonijiet ta' rimedju mill-Istati Membri.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 38.

### 40

Għalkemm il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Istati Membri biex jinkludu kull EFA potenzjali fis-saff tal-EFA tal-LPIS, fil-kuntest tal-inizjattiva ta' simplifikazzjoni, il-Kummissjoni ħaffet ir-rekwiżiti minimi f'termini ta' kompletezza tas-saff tal-EFA. Fit-taqsima 5.10 tal-linji gwida rilevanti dwar il-kompletezza tas-saff tal-EFA (DSCG/2014/31 FINAL REV 1), huwa indikat li, bħala rekwiżit minimu, is-saff tal-EFA jeħtieġ li jinkludi, wara l-verifika u qabel il-ħlas, mill-anqas l-EFAs kollha ddikjarati li huma stabbli maż-żmien.

### 44

Is-simplifikazzjoni tal-PAK hija proċess li jinsab għaddej u li jirrispetta tliet prinċipji ewlenin: L-ebda tibdil għall-att bażiku (l-istabbiltà tal-politika); għall-benefiċċju tal-bidwi; u jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba. Il-Kummissjoni tikkonferma li, fil-fehma tagħha, is-simplifikazzjoni tirrigwarda l-LPIS.

### 45

L-introduzzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna abbażi ta' strumenti ġeospazjali hija simplifikazzjoni għall-bdiewa fl-istadju tal-applikazzjoni. Bl-istess mod, il-limitu ta' stabbiltà ta' 2 % għandu l-għan li jevita li l-aġenziji tal-pagamenti jaġġornaw bla bżonn u ta' sikwit wisq l-irqajja' ta' referenza fl-LPIS għal varjazzjonijiet minuri fl-erja mkejla. Fl-aħħar nett, ir-regola dwar l-ogħla densità tas-siġar (l-hekk imsejħa regola tal-100 siġra) timmira wkoll biex tipprovdi valutazzjoni ċara u sempliċi tal-kriterji tal-eliġibbiltà ta' rqajja' ta' art b'siġar imferrxa.

### 46

Id-dejta tal-Kummissjoni tindika li 14-il Stat Membru u erba' Länder Ġermaniżi, u l-Fjandri kellhom kopertura sħiħa tat-territorju diġà fl-2015, għalkemm huwa obbligatorju biss li jkollhom mill-inqas kopertura ta' 25 % fl-2016.

**48**
L-applikazzjoni għall-għajnuna bbażata fuq strumenti ġeospazjali hija simplifikazzjoni ċara wkoll għall-bdiewa li biha, f'każ ta' informazzjoni stabbli u affidabbli mogħtija lilhom, dawn jistgħu sempliċiment "jikklikkjaw u jikkonfermaw" il-validità tal-informazzjoni stabbilita minn qabel fl-istadju tal-applikazzjoni.

**50**
Biex jiddeterminaw l-erja eliġibbli għal bwar permanenti, l-Istati Membri jistgħu jużaw jew is-sistema *pro-rata* jew id-densità massima tas-siġar (l-hekk imsejħa regola tal-100 siġra). Skont iż-żewġ possibbiltajiet, l-Istati Membri għandhom janalizzaw minn qabel u jiddeterminaw speċijiet meqjusa għar-rigħi li mhumiex se jiġu esklużi miż-żona eliġibbli. Iż-żieda fil-piż amministrattiv tirriżulta direttament mill-għażliet tal-Istati Membri.

Id-densità massima tas-siġar u s-sistema *pro-rata* għandhom l-għan li jipprovdu lill-amministrazzjonijiet nazzjonali b'mezzi aktar sempliċi u ċari sabiex jivvalutaw l-erja massima eliġibbli tal-irqajja' ta' referenza li fihom siġar imferrxa billi jkun ta' xkiel li tiġi ddelinjata kull siġra ineliġibbli individwali.

**52**
L-LPIS huma għodda b'saħħitha biex jiġu vverifikati l-elementi stabbli tal-eliġibbiltà ta' rqajja' agrikoli iżda hemm tabilħaqq xi kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, bħal attivitajiet ta' manutenzjoni, li huma aktar diffiċli biex jiġu kkontrollati permezz tal-LPIS. Fl-LPIS, teżisti differenza fit-trattament bejn art mhux mantnuta (jiġifieri n-nuqqas ta' attività agrikola) u art abbandunata. It-tnejn li huma mhumiex eliġibbli, iżda l-art mhux mantnuta tista' tkun biss fenomenu temporanju, filwaqt li huwa aktar probabbli li l-art abbandunata tkun ineliġibbli b'mod permanenti.

**53**
Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 23 u 33.

**55**
Il-Kummissjoni tqis li s-simplifikazzjoni msemmija fil-punt B hija ta' benefiċċju kemm għall-benefiċjarji kif ukoll għall-aġenziji tal-pagamenti.

## Parti III

**56**
Il-QA tal-LPIS hija proċess annwali, li l-għan aħħari tiegħu hu li jtejjeb il-kwalità u l-affidabbiltà tal-LPIS, billi janalizza n-nuqqasijiet tekniċi misjuba u jieħu azzjonijiet ta' rimedju biex jindirizzahom.

**59**
Il-Kummissjoni tinkludi kunsiderazzjonijiet tal-aħjar prassi u ta' kosteffikaċja meta tkun qed tfassal dokumenti ta' gwida u fil-gwida teknika f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

**64**
Il-korrezzjonijiet finanzjarji huma imposti b'rabta mas-snin finanzjarji, u għalhekk l-applikazzjonijiet sottomessi f'sena tat-talbiet partikolari jitħallsu fis-sena finanzjarja sussegwenti. Barra minn hekk, il-korrezzjonijiet finanzjarji normalment jinkludu l-ispejjeż imġarrba fl-24 xahar ta' qabel it-tnedija tal-investigazzjoni. Ir-regola tal-24 xhar tippermetti li jiġu koperti perjodi itwal u b'hekk li tiġi estiża l-protezzjoni tal-baġit tal-UE.

**65**
L-element ċentrali ta' spezzjoni tal-LPIS QA hija r-roqgħa ta' referenza LPIS li sservi ta' kontenitur għall-erja agrikola li potenzjalment tista' tkun soġġetta għal applikazzjoni għall-għajnuna.

Il-LPIS QA hija intenzjonata biex tkun rieżami sistematiku u konsistenti tas-sistemi varji żviluppati indipendentement mill-Istati Membri. Għandha l-għan li tidentifika d-dgħufijiet li jista' jkun hemm f'dawn is-sistemi, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrimedjaw għalihom fuq l-inizjattiva tagħhom stess.

Verżjonijiet abbozz tal-metodoloġija fil-fatt ġew iċċirkolati aktar minn darba (biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirreaġixxu) sabiex jiġi żgurat li l-kummenti validi kollha mill-Istati Membri jinġabru u jiġu kkunsidrati kif xieraq qabel ma tiġi rilaxxata verżjoni finali.

Bosta mir-reviżjonijiet metodoloġiċi ġew inizjati mill-bidliet introdotti fil-leġiżlazzjoni u mit-talbiet speċifiċi mill-partijiet ikkonċernati tal-LPIS (l-Istati Membri) biex jirriflettu aħjar il-modi tal-implimentazzjoni tal-LPIS partikolari tagħhom.

**66**
Il-metodoloġija tal-LPIS QA hija essenzjalment sempliċi. Hija tqabbel l-informazzjoni rreġistrata ma' dik imkejla matul dan l-eżerċizzju u mbagħad ir-riżultati jiġu analizzati.

Il-kumplessità apparenti tal-gwida kurrenti hija ġġenerata minn i) l-introduzzjoni ta' għażliet ta' proċessi mitluba mill-Istati Membri biex jakkomodaw id-diversi strateġiji ta' implimentazzjoni tal-LPIS tagħhom u ii) format robust ta' dokumentazzjoni bbażat fuq l-istandards tas-serje ISO19100.

## Kaxxa 11 – Eżempji ta' applikazzjoni inkorretta jew inkonsistenti tal-metodoloġija tal-QA

Irrispettivament mill-kwistjoni potenzjali f'Nordrhein-Westfalen, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax sistematikament li l-LPIS QA qed ikunu preġudikati meta ċertu numru ta' rqajja tal-popolazzjoni magħżula fil-kampjun ġew aġġornati fil-qafas tal-eżerċizzju ta' aġġornament sistematiku tal-LPIS fil-perjodu bejn il-kampjunar u t-twettiq effettiv tal-valutazzjoni. Din is-sitwazzjoni tista' tirrifletti aġġornament effettiv tal-ġestjoni tal-LPIS.

Il-Kummissjoni organizzat għadd ta' sessjonijiet matul il-workshops tal-LPIS/OTSC fl-2014 u fl-2015 sabiex iġġib il-ħtieġa għal żjarat fuq il-post għall-attenzjoni tal-Istati Membri.

Dan il-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn introdott f'ETS 6.0 jistipula b'mod espliċitu l-bżonn ta' operatur indipendenti.

## It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 67 u 68:

Fl-2015, ġiet introdotta bidla fl-istrateġija tal-kampjunar u d-dispożizzjoni tal-immaġni kellha l-għan li tindirizza din il-kwistjoni. Mill-eżerċizzju tal-2015, il-kampjunar taż-żoni għall-QA u l-għażla tal-kampjun tal-irqajja' ta' referenza (RP - reference parcels) li għandhom jiġu analizzati jsiru mill-Kummissjoni u b'mod indipendenti mill-Istati Membri. L-istess metodoloġija issa qed tintuża għall-LPIS kollha, li jiżgura kemm ir-rappreżentattività tal-popolazzjoni kif ukoll il-konsistenza madwar l-UE kollha u matul iż-żmien.

## Kaxxa 12 – Xi dgħufijiet identifikati fl-għażla tal-kampjun tal-QA mill-eżerċizzju tal-QA tal-2010 sa dak tal-2014

Peress li ż-żoni ta' telerilevament fil-biċċa l-kbira kienu magħżula fuq bażi aleatorja, fil-prinċipju l-irqajja' ta' referenza kellhom ċans ugwali li jintgħażlu. Madankollu, ir-responsabbiltà biex jintgħażlu l-irqajja' referenzjali ġiet trasferita lill-JRC biex jiġi żgurat trattament aħjar u bla preġudizzju fl-għażla tal-kampjuni.

## 70

Pjan ta' azzjoni ta' rimedju huwa mistenni meta l-valutazzjoni tar-riżultati turi dgħufijiet speċifiċi li jirrikjedu intervent speċifiku. Deċiżjoni għal dan il-pjan għandha tittieħed biss wara l-valutazzjoni tas-sejbiet tal-LPIS QA.

Meta kienet qed tanalizza l-LPIS QA l-Kummissjoni qabdet każijiet b'fallimenti f'QE kritiċi u, minkejja dan, ma ġew stabbiliti l-ebda azzjonijiet ta' rimedju mill-Istati Membri. Dan inġieb għall-attenzjoni tagħhom matul il-workshops tal-LPIS u mill-2015 dawn il-każijiet qed jiġu segwiti mill-qrib.

## It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 71 u 72:

Mill-2015, segwitu sħiħ tar-rapporti huwa fis-seħħ għall-perjodu kopert mill-awditu. Madankollu mill-2014, ir-rapporti tal-QA u l-azzjonijiet ta' rimedju pprovduti mill-Istati Membri ġew analizzati.

L-enfasi tal-Kummissjoni kienet fuq l-affidabbiltà u l-konsistenza taċ-ċifri mogħtija fir-rapporti. Analiżi tax-xejriet se titwettaq matul il-perjodu ta' monitoraġġ intensiv tal-LPIS QA jekk jitqies xieraq. Peress li l-metodoloġija tal-QA żviluppat matul is-snin, analiżi tax-xejra ġenerali mhijiex sempliċi peress li d-dejta mhijiex kompletament paragunabbli.

Il-Kummissjoni beħsiebha tagħmel żjarat ta' appoġġ għall-implimentazzjoni lil xi Stati Membri sabiex tgħinhom fit-titjib tal-kwalità tal-LPIS tagħhom.

Il-Kummissjoni kienet konxja li r-riżultati tal-LPIS-QA għas-sena tat-talbiet 2011 dak iż-żmien ma kinux l-aktar affidabbli peress li dik kienet l-ewwel sena ta' prova.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### 76

Il-leġiżlazzjoni tal-UE ma tirrikjedix li l-LPIS jiġu kkumplimentati b'informazzjoni dwar jekk l-irqajja' jkunux għad-dispożizzjoni tal-bidwi. Kontroverifiki sistematiċi b'informazzjoni dwar jekk l-irqajja' jkunux għad-dispożizzjoni tal-bidwi jew le mhumiex meħtieġa. Il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Istati Membri biex iwettqu kontrolli fuq il-post f'każ ta' dubji fir-rigward tal-art li jiddisponi minnha l-bidwi.

### Rakkomandazzjoni 1 - It-titjib tal-proċessi biex tiżdied l-affidabbiltà tad-dejta tal-LPIS

Din ir-rakkomandazzjoni hi għall-Istati Membri.

### Rakkomandazzjoni 2 – Inkejlu l-kosteffettività tal-implimentazzjoni tal-LPIS

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni li tappoġġja lill-Istati Membri billi tiffaċilita skambji tal-aħjar prattiki u billi twettaq studju tal-fattibbiltà.

### 78

Il-limitu ta' stabbiltà ta' 2 % għandu l-għan li jevita li l-aġenziji tal-pagamenti jaġġornaw bla bżonn u ta' sikwit wisq l-irqajja' ta' referenza fl-LPIS għal varjazzjonijiet minuri fl-erja mkejla. Fl-aħħar nett, ir-regola dwar l-ogħla densità tas-siġar (l-hekk imsejħa regola tal-100 siġra) timmira wkoll biex tipprovdi valutazzjoni ċara u sempliċi tal-kriterji tal-eliġibbiltà ta' rqajja' ta' art b'siġar imferrxa.

### Rakkomandazzjoni 3 – Ir-reġistrazzjoni ta' karatteristiċi ambjentali permanenti b'mod aktar affidabbli

Din ir-rakkomandazzjoni hi għall-Istati Membri.

### Rakkomandazzjoni 4 – Simplifikazzjoni ta' xi regoli relatati mal-LPIS fil-qafas legali attwali

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Ir-regoli kollha relatati mal-LPIS se jiġu rieżaminati u jekk dan ikun meqjus bħala meħtieġ, se jiġu riveduti għall-PAK il-ġdida ta' wara l-2020.

**80**
Fir-rigward tal-LPIS QA mibgħuta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, fejn rilevanti, rispons formali huwa mitlub mill-Istati Membri li jinkludi kjarifiki dwar il-kontenut (jew l-assenza) tal-pjanijiet ta' azzjoni ta' rimedju. Barra minn hekk, ir-riżultati u l-osservazzjonijiet ġenerali huma ppreżentati u diskussi mal-Istati Membri matul il-workshops annwali. Fl-2016, saru wkoll osservazzjonijiet matul il-kumitat tal-pagamenti diretti biex jiżdied l-għarfien tar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-vantaġġ reali tal-eżerċizzju tal-LPIS QA għat-titjib tal-LPIS tagħhom. (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 70 u 22).

L-approċċ tal-kampjunar huwa mmonitorjat kontinwament mill-Kummissjoni.

## Rakkomandazzjoni 5 – Titjib tar-rappreżentattività tal-kampjuni tal-QA

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-monitoraġġ tar-rappreżentattività tal-kampjun huwa parti minn proċess kontinwu.

## Rakkomandazzjoni 6 – monitoraġġ aħjar tar-riżultati tal-QA

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u diġà bdiet timplimentaha.

Għas-snin tat-talbiet 2014 u 2015, l-Istati Membri ġew ipprovduti b'rispons dwar ir-rappurtar tal-LPIS QA tagħhom fil-forma ta' ittri uffiċjali, inkluż kummenti dwar l-azzjonijiet ta' rimedju meħtieġa iżda mhux ipprovduti.

L-azzjonijiet korrettivi kollha ġew analizzati u fir-rigward ta' dawk li tqiesu bħala inadegwati jew insuffiċjenti, intalbu azzjonijiet ta' rimedju riveduti. Il-Kummissjoni qiegħda tiżviluppa valutazzjoni tar-riskju speċifika u qed tużaha bħala parti mill-ħidmiet ta' monitoraġġ tagħha bħala mezz biex tidentifika l-Istati Membri li jista' jkollhom kwistjonijiet dwar l-applikazzjoni korretta tal-metodoloġija LPIS QA, inkluża l-identifikazzjoni ta' problemi fis-sistema u l-indirizzar tagħhom permezz ta' azzjonijiet xierqa ta' rimedju.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

| Avveniment | Data |
|---|---|
| Adozzjoni tal-APM / Bidu tal-awditu | 3.6.2015 |
| L-abbozz tar-rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lil parti awditjata oħra) | 13.6.2016 |
| Adozzjoni tar-rapport finali wara l-proċedura kontradittorja | 7.9.2016 |
| Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew ta' parti awditjata oħra) riċevuti bil-lingwi kollha | 13.9.2016 |

Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) hija sistema tal-IT bbażata fuq ritratti ta' rqajja' agrikoli li tintuża biex jiġu ċċekkjati pagamenti, ta' bejn wieħed u ieħor EUR 45.5 biljun, li saru taħt il-Politika Agrikola Komuni (PAK) fl-2015. Aħna kkonkludejna li l-LPIS hija għodda utli għad-determinazzjoni tal-eliġibbiltà ta' art agrikola iżda l-ġestjoni tagħha tista' tittejjeb aktar. Aħna identifikajna xi dgħufijiet, fil-proċessi tal-LPIS, li jaffettwaw l-abbiltà tal-Istati Membri li jiċċekkjaw l-eliġibbiltà tal-art b'mod affidabbli. Aħna sibna li l-Istati Membri kienu għamlu progress fl-ammeljorament tal-LPISs tagħhom biex dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-PAK għall-perjodu 2014-2020. Madankollu, l-LPISs kienu għadhom ma ġewx adattati kompletament għall-ekoloġizzazzjoni. Il-monitoraġġ tal-LPIS mill-Kummissjoni tjieb iżda ma ffukax biżżejjed fuq il-prestazzjoni tal-LPIS.

CURIA RATIONUM
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet